# IL-PONT

rivista letterarja elettronika miġbura minn Patrick Sammut
literary online magazine compiled by Patrick Sammut

disinn hilaryspiteri.com

Nu. 50 - **MARZU 2019**

# werrej


| | |
|---|---|
| L-Editorjal | **2** |
| L-Aħbarijiet | **3** |
| Reazzjonijiet | **6** |
| L-Intervista: Anton Grasso | **8** |
| The Storm Petrel Foundation | **10** |
| L-Intervista: John P. Portelli | **12** |
| Reċensjoni - *MAR-RITMI TAL-BAĦAR* | **14** |
| Reċensjoni - POEŻIJI ta' John Cremona | **16** |
| Tislima lil Paul Saliba u Ġanninu Cremona | **18** |
| Kitbiet ta' M. Chetcuti u L. Brockdorff | **24** |
| Poeżija ta' Lord Byron | **27** |
| Il-Poeżiji | **28** |
| Versi lil hinn minn xtutna | **32** |
| Minn fuq l-ixkaffa | **33** |








Min jixtieq jikkontribwixxi f'IL-PONT b'materjal ta' livell, mhux twil u adatt jista' jibagħtu direttament lill-Editur fl-indirizz **sammutpatrickj@gmail.com**

L-ewwel ħarġa ta' IL-PONT rat id-dawl f'Ottubru tal-2012. Illum, kważi sitt snin u nofs wara, IL-PONT laħaq il-50 edizzjoni tiegħu. Ikun interessanti ferm kieku wieħed kellu jaħdem fuq għamla ta' Indiċi ġenerali ta' din ir-rivista letterarja virtwali biex jara kemm ilħna differenti u kemm xogħlijiet miktubin minn kittieba kemm lokali kif ukoll barranin dehru f'dawn il-50 edizzjoni. Li joħroġ evidenti hu li IL-PONT ma jagħtix spazju biss lill-kittieba stabbiliti u magħrufa, anzi l-enfasi qiegħda fuq kittieba mhux daqstant magħrufa, oħrajn li qatt ma ppubblikaw ktieb wieħed, oħrajn li għadhom kemm qed joħorġu għad-dawl, u l-bqija. F'ċertu sens IL-PONT joffri alternattiva, ladarba huwa spazju mhux-esklussiv tal-kitba. Proġett bħal dan ma setax jirnexxi mingħajr il-kollaborazzjoni ta' bosta nies, l-iktar dawk li spiss juru fiduċja fih, fosthom ukoll kittieba stabbiliti, imma mhux biss, Maltin, Għawdxin u barranin, billi jibagħtu kitbiet varji minn tagħhom; dawk li jibagħtu r-reazzjonijiet u suġġerimenti varji tagħhom; u dawk li jgħadduh permezz ta' internet lil ħbiebhom u persuni interessati fil-qasam tal-letteratura. Ħajr ukoll lill-kollega Hilary Spiteri li kull tant żmien jieħu ħsieb biex id-dehra ta' IL-PONT tibqa' attraenti u tolqot l-għajn.

Fuq nota differenti… Ftit tal-jiem ilu attendejt Fiera tal-Ktieb f'Ta' Qali. Is-sit magħżul kien it-tinda enormi tal-MFCC. Minkejja l-ispazju enormi, min daħal għall-ewwel darba stagħġeb bl-eluf ta' kotba li kien hemm disponibbli għall-bejgħ. In-nies ma naqsux. Kien hemm sriebet twal jistennew biex iħallsu, oħrajn iduru mal-imwejjed fejn kien hemm esposti eluf ta' kotba dwar suġġetti differenti u għal etajiet differenti. Żgur li ħadd ma ħareġ b'idejh vojta, anzi bosta ħarġu letteralment b'kaxex mimlijin kotba u bi tbissima fuq fommhom. Wieħed jistaqsi jekk hux veru dak li spiss nisimgħu li l-ktieb m'għadux jinqara. Jew jekk il-kotba li jinxtraw u li jingħataw bħala rigal jinqrawx effettivament?

Dwar l-importanza tal-poeżija fis-soċjetà tal-lum li qed tagħmel sforzi kbar biex b'mod sottili ħafna ixxejjen is-suġġetti umanistiċi... Poeżiji patrijottiċi bħal *Il-Għanja tar-Rebħa* ta' Dun Karm Psaila, *Lill-Imdina* ta' Dun Frans Camilleri, *Ilsien Pajjiżi* ta' Anastasju Cuschieri, li nkitbu fl-ewwel nofs tas-seklu 20, mela kważi seklu ilu, qed jerġgħu jakkwistaw ċerta importanza fi żmien meta r-rispett kemm lejn pajjiżna kif ukoll lejn ilsienna qed jonqos qatigħ. Poeżiji oħra, din id-darba ta' protesta u li nkitbu fis-snin '80 u '90 tas-seklu li għadda, bħal *Iż-Żabra* jew *Tradiment* ta' Victor Fenech, *Il-Bikja tar-Razzett* ta' Pawlu Aquilina, *Il-Moll* ta' Carmel Attard, *Monologu mill-Gżira tal-Isponoż* ta' Daniel Massa, u *Erġa' Settembru* ta' Charles Coleiro, ukoll illum reġgħu akkwistaw forza ġdida fi żmien meta bosta Maltin qed jiġu jaqgħu u jqumu mill-imgħoddi u anki minn kull rispett lejn il-pajsaġġ naturali ta' madwarna. F'isem il-progress u l-profitt personali llum tbegħedna mill-oriġini tagħna - in-natura - u minflok nippreferu ngħixu ġo gaġġa ta' konkrit u tarmak. Bla ma nafu, dan kollu qed ineżżagħna mill-umanità tagħna. Dan kollu jwassal għal kliem il-poetessa Taljana kontemporanja mill-Valtellina (fil-Lombardija) Paola Mara De Maestri, li ssostni li, "Bisogna veramente tornare alla poesia, educare alle emozioni." B'xi mod jew ieħor il-poeżija tfakkarna li aħna bnedmin b'emozzjonijiet differenti, imma anki fil-bżonn li nisimgħu lil dawk ta' madwarna, inklużi l-bnedmin u l-istess ħolqien naturali fiċ-ċokon u l-kobor tiegħu. Bħalissa nippreferu ngħajtu biex insemmgħu leħinna milli nisimgħu u nitgħallmu minn min hu iktar imġarrab jew ippreparat minna. Imma daqshekk moraliżmu... żgur li dan idejjaq li bosta.

Bħala għalliem tat-Taljan u tal-Malti fil-livell post-sekondarju f'wieħed mill-Kulleġġi tal-Knisja lokali, fix-xahar ta' Frar laqqajt l-istudenti taż-żewġ suġġetti f'jiem differenti l-ewwel mal-Ambaxxatur tal-Italja għal Malta, l-Eċċellenza tiegħu Mario Sammartino, flimkien ma' tliet għalliema mid-Dipartiment tat-Taljan mill-Università ta' Malta, il-Professoressa Gloria Lauri-Lucente, Dr Fabrizio Foni u s-Sur Glenn Bonnici li tkellmu mal-istudenti tat-Taljan. It-tieni laqgħa saret mal-kittieb u Professur John P. Portelli li tkellem mal-istudenti tal-Malti. Opportunitajiet bħal dawn huma importanti ħafna għall-istudenti proprju għax huma okkażjonijiet fejn jistgħu jimirħu lil hinn mill-kurrikulu riġidu u uffiċċjali u lil hinn mil-limiti tal-klassi. Opportunitajiet bħal dawn jgħinu biex iħajru numru ta' studenti jistinkaw aktar u anki jeċċellaw fis-suġġetti tagħhom, filwaqt li jieħdu iktar interess fl-ilsna u fil-letteratura in ġenerali. Minn hawnhekk ngħid GRAZZI lil dawk kollha - kittieba, professuri, edukaturi, u personalitajiet oħra marbutin ma' attivitajiet u professjonijiet differenti - li mhux l-ewwel darba ħarġu barra minn triqthom biex jiltaqgħu mal-istudenti u jħajruhom anki jħobbu l-ktieb, il-qari u l-istudju. Dawn huma attivitajiet - għalkemm mhux l-uniċi - li jkomplu jgħinu liċ-ċittadini ta' għada jikbru, jimmaturaw u jkunu individwi responsabbli u verament b'moħħ miftuħ u kritiku.

### LEJLA F'ĠIEĦ L-AWTUR CHARLES CASHA

Nhar it-22 ta' Novembru, fil-Mużew tas-Santwarju, Ħaż-Żabbar saret lejla f'ġieħ l-awtur Charles Casha li għalaq 50 sena minn meta ppubblika l-ewwel ktieb tiegħu, L-GĦALQA FUQ IL-GĦOLJA, fl-1968. Il-programm kien jinkludi *power point presentation* mill-awtur innifsu dwar ħajtu, intervista mal-awtur minn Maria Camilleri u qari ta' siltiet mill-kitbiet tiegħu. Kien hemm ukoll wirja ta' xi wħud mill-kotba tiegħu u l-mistednin ngħataw ktejjeb bi profil dwar l-awtur u lista tal-pubblikazzjonijiet kollha bejn 1968 u l-2018. Fl-intervista ħarġu diversi punti interessanti dwar il-bidu tal-karriera tal-awtur, kif Casha jħares lejn il-kitba u l-letteratura Maltija, it-teknika u l-istil, il-poeżija tiegħu u aspetti oħra relatati mal-ħajja tal-awtur. Din il-lejla kienet organizzata mill-Mużew tas-Santwarju ta' Ħaż-Żabbar.



**Charles Casha waqt il-lejla f'Ħaż-Żabbar**

### ŻJARA TA' KORTEŻIJA LILL-PRESIDENT TA' MALTA U ATTIVITAJIET OĦRA MILL-ASSOĊJAZZJONI ESPRIMI

Il-laqgħa tal-Milied tal-Assoċjazzjoni EspRimi għas-sena 2018 saret nhar il-21 ta' Diċembru fid-dar tal-anzjani Santa Katerina ġewwa Ħ'Attard. Kien hemm qari ta' poeżiji u novelli qosra, flimkien ma' kant u kurżitajiet dwar il-Milied. Nhar l-10 ta' Jannar 2019 il-membri tal-Assoċjazzjoni EspRimi ltaqgħu mal-Eċċellenza tagħha Marie-Louise Coleiro Preca, President ta' Malta, fil-Palazz ta' San Anton. Nhar l-24 ta' Jannar 2019, fiċ-Ċentru Parrokkjali ta' Santa Marija f'Birkirkara, Esprimi ppreżentat taħdita minn Alfred Caruana Ruggier bl-isem ta' "X'Jispira l-Arti."

### IMUT IL-KITTIEB IŻRAELJAN AMOS OZ



**Amos Oz**

Nhar it-28 ta' Diċembru 2018 miet f'Tel Aviv - wara li kien ilu marid għal ħafna snin - il-kittieb, ġurnalist u intellettwali Iżraeljan Amos Oz. Huwa kellu 79 sena. Oz twieled f'Ġerusalemm fl-4 ta' Mejju 1939, belt li telaq minnha ta' 15-il sena. Studja l-Filosofija fl-Università Ebrajka. Huwa pparteċipa fil-gwerer tal-1967 u tal-1973. Fl-1965 ħareġ l-ewwel ktieb tiegħu, *Where the Jackels Howl,* serje ta' rakkonti dwar stejjer privati u l-ħajja fil-*kibbutz*. Xogħlijiet oħra tiegħu huma *My Michael* (1968), *Soumchi* (1978), A *Perfect Peace* (1982), *Black Box* (1987), *To Know a Woman* (1989), *Fima* (1991), *Don't Call It Night* (1994), *Panther in the Basement* (1995) u *A Tale of Love and Darkness* (2002), fejn jikteb dwar tifkiriet minn ħajtu stess. Kiteb ħafna dwar gwerra u paċi, u kien favur li jseħħu negozjati bejn l-Iżraeljani u l-Għarab. Kiteb ukoll ġabriet ta' rakkonti u xogħlijiet mhux-fittizzji, fosthom *How to Cure a Fanatic* (2006) u *Dear Zealots: Letters from a Divided Land* (2017).

**DUN KARM PSAILA U L-ESPERANTO**

Dr. Carmel Mallia bagħtilna żewġ tagħrifiet fuq Dun Karm bl-Esperanto permezz ta' żewġ enċiklopediji ta' awturi bl-Esperanto fejn hemm inkluż Dr. Mallia wkoll. Dawn dwar il-Poeta nazzjonali Malti kienu kontribuzzjonijiet ta’ Mallia stess ta' xi snin ilu u jinsabu fi *Storja tal-Letteratura Esperantista* (volum ta' 748 paġna), maħruġ fl-Isvizzera fl-2005; u f’*L-Ordni tal-Pinna Ħadra* (Mallia infurmana li l-aħdar hu l-lewn użat fl-Esperanto, il-lewn tat-Tama), ktieb ta’ 270 paġna u maħruġ fl-2006, fil-Kroazja. Mallia qalilna wkoll li Dun Karm kiteb poeżija qasira imma sbejħa bl-Esperanto fl-1901, "Penso Printempa" (Ħsieb għar-Rebbiegħa), li hu qaleb għall-Malti u għall-Ingliż, u nqisuha bħala l-ewwel kitba li dehret Malta bl-Esperanto qabel ma beda l-moviment proprju. Imma Dun Karm qatt ma daħal fil-moviment, għallinqas Mallia qatt ma sab xejn dwar dan fuq il-gazzetti ta' dak iż-żmien. Ħajr lil Dr. Mallia ta’ dan it-tagħrif.



KARM PSAJLA, Dun. Maltano. Naskiĝis en 1871. Malta poeto. Katolika pastro, poste monsinjoro, instruisto kaj verkisto en la malta kaj itala. Nacia poeto de Malto, verkinto de malta nacia himno, Verkis originalan Esperanto-poemon "Penso printempa" en 1901. Mortis en 1961.

**Minn *Storja tal-Letteratura Esperantista*, Svizzera 2005**

**TREVOR ŻAHRA JIRBAĦ IL-MEDALJA AKKADEMJA TAL-MALTI**

F’Diċembru 2018 Trevor Żahra rebaħ il-Medalja tal-Akkademja tal-Malti. Din l-aħbar ingħatat mill-President tal-Akkademja tal-Malti, il-Professur Albert Borg, waqt ċerimonja li għaliha attendew bosta professjonisti marbutin mal-qasam tal-Malti. Il-premju ngħata mill-President ta’ Malta, Marie Louise Coleiro Preca. Il-Prof. Borg sostna li Żahra ngħata dan il-premju proprju għax ħadem bis-sħiħ kemm għal-letteratura Maltija kif ukoll għall-ilsien Malti. Wara li ġie mħabbar ir-rebbieħ, intwera filmat dwar ix-xogħlijiet letterarji ta’ Trevor Żahra. Trevor Żahra twieled iż-Żejtun fl-1947. Ta’ età żgħira beda jikteb il-poeżija u stejjer għat-tfal u fl-1971 ippubblika l-ewwel ktieb tiegħu *Il-Pulena tad-Deheb*, avventura għat-tfal. Minn dakinhar lil hawn kompla jikteb u jippubblika kull sena, u llum, bejn kotba ċkejknin għat-tfal, rumanzi u novelli għall-kbar, huwa ppubblika ’l fuq minn 130 ktieb. Trevor għamel karriera jgħallem il-Malti u l-Arti u għalhekk ħa ħsieb jillustra l-kotba tiegħu huwa stess. Ir-rumanzett *Il-Ħajja Sigrieta tan-Nanna Ġenoveffa* li ġie tradott u ppubblikat bl-Ingliż, bil-Franċiż u dalwaqt bir-Russu u bin-Norveġiż. Rebaħ il-Premju Nazzjonali tal-Ktieb għal 18-il darba u fl-2004 irċieva l-Medalja għall-Qadi tar-Repubblika bħala rikonoxximent tal-kontribut tiegħu fil-qasam tal-letteratura għat-tfal.

**TMUT IL-POETESSA AMERIKANA MARY OLIVER**

Nhar is-17 ta’ Jannar 2019 mietet fi Florida l-poetessa Amerikana Mary Oliver. Hija kellha 83 sena. Matul ħajjitha hija kitbet iktar minn 15-il ġabra ta’ poeżiji u esejs li fihom esprimiet l-imħabba tagħha lejn in-natura u l-imkejjen miftuħin. Hija twieldet fl-10 ta’ Settembru 1935 fl-istat tal-Ohio. Fl-1984 rebħet il-Premju Pulitzer għall-Poeżija bil-ġabra *American Primitive*, u fl-1992 in-National Book Award għall-Poeżija għall-ġabra *Poetry for New and Selected Poems*.



**Mary Oliver**

**IT-TRADIZZJONI ORALI - ERBA' TAĦDITIET**

Id-Dipartiment tal-Malti fi ħdan l-Università ta' Malta organizza erba' laqgħat bit-tema "It-Tradizzjoni Orali". Nhar it-8 ta' Jannar, ittellgħet il-lejla "Kulħadd Iqabbel Kif Jaqbillu. Lejla ta' Limerikki", b'koordinazzjoni ta' Rita Saliba. Fit-22 ta' Jannar Martin Morana tkellem dwar "Il-Faħam Miblul tal-Espressjonijiet". Fl-1 ta' Frar Dr. Steve Borg qara t-taħdita "Il-Maltin: Għemilhom, Drawwiethom, Ġrajjiethom", filwaqt li fis-26 ta' Frar Rita Saliba tkellmet dwar "Il-Ħrejjef li Rrakkontawli fi Tfuliti." It-taħditiet saru fil-Librerija tal-Fakultà tal-Arti fl-Università ta' Malta, Tal-Qroqq.

**TAĦDIDIET B'LAQTA MĠARRIJA**

Bħal snin imgħoddija, il-Kunsill Lokali tal-Imġarr qed jerġa' jorganizza sensiela ta' taħdidiet nhar ta' Ħadd filgħodu. Għal dawn il-laqgħat ġew mistiedna kelliema esperti fil-qasam tagħhom sabiex jaqsmu mal-pubbliku dak li studjaw jew irriċerkaw. L-ewwel taħdita, fit-13 ta' Jannar, tmexxiet minn Dr Olvin Vella u ttrattat dwar "Kif kienu jitkellmu x-xjuħ tagħna: Ħsejjes Qodma." Fis-27 ta' Jannar Dr Malcolm Borg tkellem dwar "Il-Futur tal-Biedja", filwaqt li s-Sur Mario Vassallo nhar l-10 ta' Frar tkellem dwar "Qisien u Proporzjonijiet fl-Arkitettura Megalitika Maltija." Nhar l-24 ta' Frar is-Sa Leanne Ellul tkellmet dwar "Isem il-Ħwienet: Ħarsa Lejn l-Ismijiet Diversi tal-Ħwienet fl-Imġarr Matul is-Snin." L-attivitajiet se jkomplu għaddejjin anki matul Marzu. It-taħdidiet jibdew fl-10.15 a.m. u wara jkun hemm ħin għad-diskussjoni.

**LAQGĦA MILL-KUNSILL NAZZJONALI TAL-KTIEB**

Nhar is-Sibt 26 ta' Jannar 2019, fil-Lukanda Grand Hotel Excelsior, f'Sala Kastilja, saret laqgħa importanti mill-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb. Waqt din l-okkażjoni saret evalwazzjoni tal-Festival Nazzjonali tal-Ktieb u tal-Premju Nazzjonali tal-Ktieb. Ġew diskussi wkoll bidliet fil-liġijiet li jirrigwardjaw lill-awturi u drittijiet.

**SERATA MUŻIKO-LETTERARJA FLIMKIEN MAL-GĦAQDA TAL-MALTI, UNIVERSITÀ**

Nhar is-26 ta' Jannar ttellgħet serata kulturali ta' mużika u letteratura bl-isem "Il-Vjaġġ" li fiha l-Akkademja Kulturali Pawlina fi ħdan l-Għaqda tal-Pawlini, wasslet il-valur tal-kult Pawlin għall-poplu kollu Malti. Dan sar permezz tal-arti kontemporanja u interventi minn professjonisti u artisti fis-settur. Din l-edizzjoni kienet ippreżentata mis-Sur Christian Micallef. Is-serata inkludiet Mużika mill-Kor Cappella Sanctae Catharinae, qari ta' letteratura oriġinali u kontemporanja ta' awturi żgħażagħ mtella' mill-Għaqda tal-Malti, intervent mill-Professur Keith Sciberras dwar Melchiorre Gafà u l-vara ta' San Pawl, u qari minn Hector Bruno akkumpanjat mill-mużika ta' James Baldacchino Din is-serata saret ġewwa l-Knisja Kolleġġjata tan-Nawfraġju ta' San Pawl fil-Belt Valletta.

**FIERA TAL-KTIEB F'TA' QALI**

Bejn it-22 u l-24 ta' Frar il-Bargain Box u l-Wise Owl Bookshop organizzaw Fiera tal-Ktieb kbira fit-tinda tal-MFCC f'Ta' Qali. Esposti kien hemm eluf ta' kotba li jittrattaw suġġetti varji bħal letteratura fittizzja, gastronomija, arti, ċinema, storja, ġografija, kotba għat-tfal, sport, bijografiji, u ħafna iktar. Kollox beda jinbigħ bi prezz uniku u skontat. Kienet okkażjoni mill-isbaħ tara mijiet ta' Maltin u barranin iqallbu fl-imwejjed differenti jfittxu l-ktieb jew kotba li jolqtuhom jew li jaħsbu li jista' jogħġob jew jogħġbu lil persuni qrib tagħhom. Okkażjonijiet bħal dawn huma bżonnjużi ferm proprju għax ifakkru lill-Maltin kemm huma importanti l-ktieb u anki l-qari. L-attendenza kbira għal fieri bħal dawn juru li mhux veru li internet u t-teknoloġija qerdu l-imħabba għall-ktieb.

**LEJLIET LETTERARJI MINN POEŻIJAPLUS**

Poeżijaplus, flimkien mal-Akkademja tal-Malti u l-Kunsill Lokali tal-Belt, tellgħet lejla ta' poeżija oħra nhar it-28 ta' Jannar. Waqt serati bħal dawn li jsiru fil-Kunsill Lokali tal-Belt, ħdejn il-Biblijoteka, kulħadd hu mistieden jaqra l-versi tiegħu. Nhar il-25 ta' Frar Poeżijaplus kellha ttella' serata ddedikata lill-kittieb Charles Casha biex tfakkar għeluq il-50 sena mill-ewwel pubblikazzjoni tiegħu. Imma minħabba raġunijiet ta' maltemp din il-lejla ġiet posposta għal data oħra li għad trid tiġi mħabbra aktar tard. Serata bħal din se tittella' f'kollaborazzjoni mal-Kunsill Lokali tal-Belt, l-Akkademja tal-Malti u Klabb Kotba Maltin.



**Mingħand Mario Griscti, l-1 ta' Diċembru 2018**

Għażiż Patrick,

Niżżikħajr ta' IL-PONT (Diċembru 2018). Ħarġa tassew miliedeska mhux għax is-suġġett kollu tal-ħarġa kien dwar din il-festa imma għax hija tant varjata, u ppakkjata b'kontenut mill-aqwa li tixbah rigal mill-aqwa, imgeżwer f'karti mill-isbaħ. Grazzi mill-qalb.

B'Imħabba,
Mario

**Mingħand Therese Pace, it-3 ta' Diċembru 2018**

Għażiż Patrick,

Qatt mhu biżżejjed il-ħajr li rroddlok għal dax-xogħol diffiċli imma siewi li qed tagħmel biex twasslilna dejjem fil-ħin IL-PONT. L-erba' ħitan ta' darek int bdilthom f'dar editriċi diġitali mnejn l-attenzjoni impekkabbli tiegħek ma jaħarbilha xejn minn dak li għaddej madwarek fid-dinja tal-ktieb u x-xena letterarja lokali u barranija u tfakkarha u tfaħħarha għal dak li hi. Int ħaqqek rispett kbir għax ftit għad fadal nies bħalek li jistinkaw mhux għalihom innifishom imma għall-imħabba sinċiera lejn il-letteratura. Mingħajr IL-PONT, numru ta' kittieba lokali kienu jibqgħu iħufu f'limbu. L-isforzi tiegħek huma rikonoxxuti mhux minna l-Maltin biss imma wkoll minn dawk il-kittieba barranin li xi darba kellhom ix-xorti jagħmlu kuntatt miegħek. Fl-aħħar nett ħajr talli għoġbok iġġib il-kitba li bgħattlek dwar l-esperjenza tagħna f'Morbegno.

Sliem,
Therese Pace

**Mingħand Dr. John A. Consiglio, it-3 ta' Diċembru 2018**

Għażiż Patrick,

37 pagna ta' letteratura li thennik, tedifikak, u saħansitra ġġagħlek tħossok aħjar!

Grazzi mill-qalb, u prosit tassew.
John

**Mingħand Gioele Galea, it-3 ta' Diċembru 2018**

Għażiż Patrick,

Grazzi minn qalbi, u prosit tassew ta' IL-PONT! Naqraha bil-mod... Kompli b'din id-dedikazzjoni. Qed tagħmel xogħol siewi ħafna.

Grazzi!
gioele

**Mingħand Carmel G. Cauchi, il-5 ta' Diċembru 2018**

Għażiż Patrick,

Nittama li tinsab tajjeb. Qallibt ftit mhux ħażin l-aħħar ħarġa ta' IL-PONT (Diċ. 2018) u minn qalbi niżżikħajr li rġajt bgħatthieli puntwalment bħas-soltu.

Ma naqrax dan il-magazin kollu f'salt għax tassew fih x'tomgħod u, biex tiddiġerixxi sew trid tomgħod tajjeb u ma tiffangax b'ħafna ikel f'salt, avolja jkun ikel tassew tajjeb.

IL-PONT huwa magażin li qed narah jikber u jissaħħaħ minn ħarġa għal oħra, f'dak li hu kontenut u preżentazzjoni. Kellu bidu ċkejken , bl-ewwel ħarġa f'Ottubru 2012 li kellha 8 paġni biss, imma mill-ewwel deher li kien se jkun magażin serju u

jipprometti.  U bil-ħila, bis-sagrifiċċju u bl-imħabba kbira tiegħek għal-letteratura, IL-PONT kiber f'dik li hi varjetà ta' kontenut u fin-numru ta' paġni - 37 paġna f'Diċembru 2018 u 42 paġna f'Settembru. Il-kontenut sar iktar interessanti u bla dubju jservi ta' vetrina *online* għall-awturi Maltin.

Minn qalbi nifraħlek għal-livell għoli tal-magażin tiegħek li żgur qiegħed jimla vojt kbir fil-qasam letterarju Malti. Nammirak għall-konsistenza tiegħek u nawguralek li tibqa' tippubblika IL-PONT fiż-żmien li ġej.

Prosit, grazzi u tislijiet.
Carmel G. Cauchi

**Mingħand Joseph Psaila, it-28 ta' Jannar 2019**

Għażiż Patrick,

Qgħadt naqra u nixtarr IL-PONT (Diċembru). Ngħidlek li f'ħafna paġni sibt x'jinteressani u x'jistimolani. Minn ħarġa għall-oħra int qiegħed tkompli tagħni u sseddaq il-letteratura Maltija... u żżomm aġġornat lil min iħobb l-ilsien Malti u l-ilsna barranin ukoll. IL-PONT hu sors li jqabbad xrar fis-sinapsi bejn newroni letterarji ta' ħafna mħuħ; pont li jgħaqqad il-ħsibijiet u l-ħsus tal-qlub. Qed jolqot il-gosti ta' ħafna b'inizjattiva li hi unika f'dan il-qasam.

Prosit!
Joe

## IL-ĦAJT TA' BERLIN

Mulej, it-trombi ta' Jeriko
il-lum reġgħu leħħnu leħenhom
li dewa b'tant saħħa fil-fomm
ta' min daq il-jasar tal-gwerra.
Berlin, ħitan tal-biża', twaqqa'.
L-ombra ta' snin mirduma taħt għadam
W agħjat ta' ilħna maħnuqa ngħelbet.

Meta Mulej se treġġa' t-trombi
ssemma ta' Jeriko? M'għadx hawn
ħitan ta' Berlin x'terġa' twaqqa',
hawn ħitan li ma jidhirx, mistur
fil-qalb tal-bnedmin, ħadran f'qalbu,
misjuq minn għema ta' tant qilla -
lil dal-ħitan jitolbok twaqqa'
fis-skiet, fil-ħabi, min hu mnikket!

**MARIO ATTARD**

## SULDATI VJOLA W SOFOR

suldati vjola w sofor,
f'parata taħraq nar,
fi pjazza difiża.

xufftejhom bażutisti,
ħarsithom tarmi x-xrar,
rashom mgħollija.

fruntieri ħomor,
periklu tal-azzar,
jew mewt… jew ħajja.

u l-marċ jinkuraġġixxi aktar ħsejjes,
ħsejjes- kumbattiment u - reżistenza.

**MARIO GRIXTI**

## HAIKU

Proud home of the bats
moles beneath the rotten porch
old and famous house.

**DRAGOS BARBU**
***Ir-Rumanija***




***ANTON GRASSO. 40 SENA TA' WAĦX … U AKTAR*, Horizons 2018.**
**INTERVISTA MA' ANTON GRASSO**

***Anton Grasso. 40 sena ta' Waħx… u Aktar* hu omaġġ lil kittieb li llum għandu wara spallejh karriera ta' iktar minn 40 sena. Hu wieħed mill-ftit każi fejn awtur prolifiku qed jingħata ġieħ waqt ħajtu stess u mhux wara. Kif tirreaġixxi għal dan?**

Ma nifhimx ir-raġuni għaliex bniedem li jagħti kontribut siewi f'ħajtu għandu jingħata gieħ wara mewtu. Huma diversi l-artisti li ngħataw ġieħ f'ħajjithom. Trofej, midalji, diplomi… saħansitra "Ġieħ ir-Repubblika". Fl-Ingilterra ir-Reġina tagħti t-titlu ta' Sir lil min tħoss li ta sehem li jixraqlu. U fil-fehma tiegħi hekk għandu jkun.

Kemm ili midħla tal-kotba, saħansitra qabel l-ewwel pubblikazzjoni tiegħi, meta kont insib tieqa miftuħa, l-aktar fil-paġni letterarji li f'żgħożiti kellhom numru konsiderevoli ta' qarrejja, kien hemm xi kritiċi u kittieba li ttimbrawni li xi darba nkun awtur. Iż-żmien tahom raġun, aktar u aktar meta bdejt nippubblika l-kotba, li jwaħħduni bis-sħiħ mal-ġeneru tal-makabru.

B'xorti ħażina, f'Malta, fil-fehma tiegħi, gieħ mhux dejjem jingħata lil min veru jistħoqqlu. Ċerti nies li huma midħla ta' ċerti ċrieki għandhom setgħa jimirħu u jilħqu mergħat li għal ħaddieħor huma magħluqa. Teżisti wkoll il- 'kultura' ta' ħokkli dahri u nħokk tiegħek. Nies li jidhru kontinwament fil-midja mhux dejjem ikun ħaqqhom. Tul il-karriera tiegħi ħdimt bis-sħiħ u minn qalbi fil-qasam tal-letteratura tal-biża', għax barra li hu l-qasam favorit tiegħi, nemmen li bħal friegħi oħra għandha tingħata l-post denju tagħha. Saħansitra, qabel ma sibt pubblikaturi interessati f'xogħli, ippubblikajt l-ewwel għaxar kotba minn buti. Iżda qatt ma ngħatajt ebda gieħ, la minn Gvern anqas minn ieħor. Il-ħajr tal-qarrejja tiegħi u l-fehma tal-kritiċi huma l-uniku sodisfazzjon tiegħi.

**Semmi tnejn jew tliet temi għal qalbek fin-narrattiva tiegħek?**

Fil-kotba tiegħi, li jimxu wkoll lil hinn mill-konfini tal-biża', meta nittratta l-qasam psikoloġiku, jinteressani l-aktar il-bniedem sensittiv u beżżiegħi, forsi għax bla ma rrid inkun qed nitkellem u nikteb dwari nnifsi. Nammetti li f'xi wħud mill-karattri tiegħi hemm jien f'aktar minn wieħed. Il-karattru xipli li qatt ma jrid ikun eroj. In-narċisista li jeqred lilu nnifsu. Il-barrani f'soċjetà li ma tridx taċċettah. Forsi minħabba t-trobbija reliġjuża x'aktarx stretta żżejjed li kelli fi tfuliti. F'paġni sħaħ tan-narrattiva tiegħi hemm qalbi u ruħi miftuħin beraħ għall-ġudizzju tal-qarrej li jintebaħ.

Jinteressani wkoll il-bniedem emarġinat, dak li s-soċjetà mhux dejjem jew ma tiħux gost taċċettah b'wieħed minnha. Il-bniedem li għax ma jaqbilx mal-kotra, għax dellu tqil, għax hu tant dgħajjef li lanqas hu kapaċi jfendi għal rasu u jaqbeż għalih innifsu, li jintebah li l-kejl li hu mkejjel bih mhuwiex sinċier għalkemm 'validu' - iżda għax hu nanu ħdejn 'il-ġgant' ma jista' jagħmel xejn ħlief jaċċetta s-sitwazzjoni. Forsi f'xi intervisti jien stess nista' nagħti l-impressjoni li jien 'il fuq mill-kotra meta fil-fatt inħossni taħt il-livell tagħha. Forsi dan il-karattru bla ma naf jirrifletti wkoll lili nnifsi.

**Il-qarrejja tiegħek matul dawn l-aħħar 40 sena u iktar. Min huma? X'kuntatt u x'*feedback* għandek**

**min-naħa tagħhom?**

Naħseb il-qarrejja tiegħi huma dawk li verament jemmnu u jgħożżu t-twemmin tiegħi. Fil-qarrejja tiegħi ma naħsibx li hemm it-triq tan-nofs. Ma naħsibx li hemm medjatur li jista' jqarreb lejn il-kitba tiegħi lil min mhux interessat fil-kitba tiegħi. In-numru ta' qarrejja tiegħi ma naħsibx li hu żgħir, iżda xorta jibqa' limitat. Għax waqt li kittieba oħra jiktbu dwar dak kollu li jaqa' taħt għajnejhom, jien nagħżilhom is-suġġetti tiegħi. Naħseb li hawn nies li jistennew b'ħerqa l-kotba tiegħi u jixtru kull ktieb li noħroġ, oħrajn li nikteb x'nikteb, sempliċiment għax tiegħi, ma jinteressahom xejn. Naf għalliem li jgħallem mat-tifla tiegħi li għandu xi 150 ktieb tiegħi, kollha ffirmati, meta jien ippubblikajt 52. Minn xi wħud għandu tlieta, erbgħa, ħames kopji jew aktar. Il-raġuni: "Ma nistax nara ktieb tiegħek x'imkien għax irridu għandi." Ipatti għal dawk li lanqas jekk tħallashom ma jaqraw ktieb wieħed tiegħi.

**Dan il-ktieb jinkludi fih għażla ta' 22 novella u 40 poeżija tiegħek. Huma kollha xogħlijiet li diġà dehru f'pubblikazzjonijiet tiegħek tal-imgħoddi? X'wassal għall-għażla tagħhom u mhux kitbiet oħra minn tiegħek?**

Dan l-aħħar stqarrejt f'iktar minn intervista waħda r-raġuni li m'iniex nippubblika xogħol ġdid, mhux għax m'għandnix mnejn nagħżel. Għandi mijiet ta' stejjer barra xogħlijiet oħra li qatt ma ġew ippubblikati. Bla dubju li kieku kelli nagħżel nirranġahom żgur, stejjer li ktibt snin ilu, li mhux dejjem kont nikteb għal qalbi, ġieli bi sforz, li nittama li meta jasal iż-żmien tan-nixfa (li ħafna awturi jgħaddu minnu) indur għalihom. Iżda l-ħerqa għall-kitba bgħattietli u ili żmien ma nikteb xi ħaġa ġdida. Għalkemm il-ktieb xorta jibqa' l-isbaħ xogħol artistiku, il-passjoni ta' darba ntfiet. Barra minn hekk sirt iebes wisq miegħi nnifsi u ma niddejjaqx nirrevedi u nkisser xogħlijiet tiegħi, kif fil-fatt għamilt. Naħseb l-aħjar xogħol tiegħi ppubblikajtu.

**In-novella hija l-*forte* tiegħek, imma tikteb ukoll il-poeżija. Xi tgħid dwar dan? X'toffri l-poeżija li l-kitba tan-novella/rakkont ma toffrix?**

Jien ktibt aktar minn elf novella, qasam favorit għax il-kitba qasira, tibdieha u ttemmha bla ma teħodlok ħafna ħin. Ħafna min-novelli tiegħi ktibthom fi ftit sigħat jew f'nofstanhar. Għalkemm għandi numru ta' poeżiji, u xi wħud verament għal qalbi, qatt ma qist lili nnifsi poeta. L-aktar poeżija li togħġobni hi dik tal-vers tal-ħdax. Naħseb li l-poeżija hi l-aktar ħaġa intima li tista' taqsam mal-qarrejja - it-twemmin, aktar minn kollox, fik innifsek u fil-fidi tiegħek. Forsi l-aħjar versi joħorġu fin-niket. In-novella qatt ma tista' tilħaq il-fond, il-profondità, l-intensità tal-poeżija, li b'ħasra hi l-anqas ġeneru mfittex.

**Messaġġ qasir tiegħek lill-ġenerazzjoni żagħżugħa rigward il-qari, il-ktieb u l-letteratura?**

Ħobb il-ktieb. Emmen fil-ktieb. Aqra l-ktieb. Għożż il-ktieb. Hu l-akbar ħabib li jista' jkollok. Issibu dejjem, skont il-burdata li jkollok. Il-ktieb hu element qadim li dejjem jibqa' ġdid, ma jmut qatt u dejjem jibqa' jiġġedded. Ħadd, xejn ma jista' jeqirdu. U tgħallem għażel l-awturi tiegħek. Il-letteratura hi l-għajn ta' kull għarfien. Għixha.

### ĦAJKU

Dħalna fl-Ewropa.
Kien hemm bieb sigriet bħal ta'
ġnien Mary Lennox?

Qażquż ġieħ dubju.
Dan sieħbi li qed jinten,
jew int ja bniedem?

Kelb qal lil sidu:
'Imiss lili noħorġok.
Mur ilbes ċinga.'

Il-fjura kantat
biex turi t-talent tagħha
u ħadd ma ċapċap.

Taħt fanal ċkejken
twieldet il-poeżija
bla daqq ta' trombi.

L-imħabba tbissmet
minn għajn mother Tereża
hi u ddewwi fqir.

**AMANDA BUSUTTIL**



## ART, LITERATURE AND POPULAR CULTURE AT THE STORM PETREL FOUNDATION.

**PATRICK SAMMUT INTERVIEWS ARCHIVIST AND ASSISTANT ADMINISTRATOR ROMAINE PETROCOCHINO - Part 2**

*The Storm Petrel Foundation is a not-for-profit voluntary organisation that was set up in 2013 with the aim of hosting art, literature and popular culture. The primary aim is to offer a home to collectors where they can deposit, by way of donation, their treasured collections with the assurance that they will be preserved in state-of-the-art premises that provide professional archival and conservation facilities. The Foundation also offers a space to private collectors where they can exhibit their collections, for a determined period of time, thus making them available to the general public.*

**Colour, graphic novels, weird and out-of-this world images: a world of fantasy, dreams and magic. How can all this be made available to the younger generations?**

This apt description of what is currently on exhibit at the Foundation is in itself a depiction of what is popular among the younger generations today. The Foundation promotes its weekly public viewings via Facebook and is also widening its audience via word-of-mouth. A case in point is the example of a recent visit of a group of comic artists who also happen to be behind the Comic Con event in Malta. This group of relatively young guests were amazed at the exhibits featured in 'The Other Side' exhibition and offered to promote it during Malta Comic Con and also organise a group visit for their foreign guests.

Another way of reaching out to younger visitors is by organising school visits, such as the ones being planning for sixth form students from Junior College as well as St Martin's College. The Foundation advises visitors that children under the age of 12 should be accompanied by an adult, and indeed there have been 9 and 10 year-old visitors who have thoroughly enjoyed the experience.

**What is the work and responsibilities of the curator? Surely the Foundation has contacts with foreign entities too. Can you elaborate?**

The role of the curator, in the sense of a custodian in a museum environment, is to manage and conserve the collections belonging to the Foundation. This is where professional archival and records management functions come into play. Collections are entrusted to the Foundation by way of donation. The curator ensures that the Collection Policy drawn up by the Trustees is adhered to when accepting new acquisitions. Those collections that are accepted are accessioned and given a unique identification number that binds them irrevocably to the collector, thereby preserving a record of their provenance. The collections are kept in separate groups, or cells, according to provenance and the individual items in each collection are catalogued, thus creating the Foundation's inventory. The catalogue entries are uploaded to the online catalogue and can be accessed from the Foundation's website, 'stormpetrelfoundation.org', under the 'collections' tab.

The Foundation has already received an extensive

book collection, film magazines, pamphlets, cloth and metal badges, postcards, first edition books and various collections of vinyl records. An impressive collection of film posters, press books, film magazines, photo albums, brochures, sheet music, sticker albums, cigarette cards and cinegrams has been bequeathed to the Foundation.

Close ties have been established with the National Archives of Malta as well as their restoration laboratory. In future it is hoped that similar ties will be forged with foreign entities, especially in terms of collaboration and exchange of ideas.

**The Storm Petrel Foundation is a non-profit voluntary organisation and thus depends on voluntary help and donations from interested parties. Is this so?**

Yes, the Foundation is run on a voluntary basis and depends on donations from guests visiting the exhibitions and attending events, or other funds donated by corporations or entities wishing to support the Foundation. Apart from monetary help, the Foundation relies on the voluntary work carried out by generous and dedicated individuals, including university students who help with cataloguing duties when carrying out their practicum course requirements. In fact the Foundation is listed as one of the entities that can be chosen by students following Archives and Records Management studies offered by the Department of Library Information, and Archive Sciences within the Faculty of Media and Knowledge Sciences.

**"The Other Side" exhibition opened in June 2018. There are several sections including the Sci-Fi room, the Lovecraft and Supernatural room, the Dracula Room and the Frankenstein room. What next?**

Without giving away too many details we can reveal that many new artefacts will be put on display early next year. In fact "The Other Side" part two will open in January 2019 with the same themes of Horror, Gothic and Science Fiction but featuring different exhibits, different threads to what has already been displayed, a different learning experience… interspersed with more talks and events linked to the exhibition. Very exciting times ahead!
We urge readers of this online magazine to visit The Storm Petrel Foundation's Facebook page to view photos and videos portraying the exhibits as well as the lovely premises in which they are housed. We hope to see them soon at the Foundation to share with them a truly unique experience.










**Photos on this page by Carl Farrugia.**




**INTERVISTA MA' JOHN P. PORTELLI AWTUR TAR-RUMANZ *KULĦADD BARRA FAJŻA*, Horizons 2018.**

***Kulħadd barra Fajża* hu l-ewwel rumanz tiegħek wara li inti ppubblikajt numru ta' ġabriet ta' poeżija. Meta u minn fejn twieled dan ix-xogħol narrattiv?**

Veru li dan hu l-ewwel rumanz tiegħi. Imma mhux l-ewwel attentat tal-proża għax f'Marzu li għadda ħriġt ġabra ta' 55 novelli qosra, *Inkontri ta' Kuljum*. Imma li tikteb rumanz huwa differenti ħafna milli tikteb stejjer qosra. It-tnejn għandhom il-valur tagħhom, imma rumanz jitlob konċentrazzjoni fit-tul. Dan ir-rumanz twieled mix-xogħol akkademiku riċenti tiegħi. Jiena bħala professur fl-Università ta' Toronto ngħallem unit ta' 36 siegħa dwar in-narrattiva tal-emigrazzjoni u l-eżilju. U f'dan il-unit niffoka fuq ir-rumanzi ta' Tahar Ben Jelloun u Laila Lalami, żewġ kittieba Maghrebini, stupendi u rebbieħa ta' diversi unuri. Twieled ukoll mill-konvinzjoni li wasalt għaliha meta għalaqt is-60 sena erba' snin ilu, jiġifieri l-konvinzjoni li l-letteratura toffri aktar spazju miftuħ għal diskussjoni intellettwali u wiesgħa mill-kitba akkademika li fil-ġeneru tagħha ippublikajt 11-il ktieb! Jekk qed nikkritika, qed nikkritika lili nniffsi.

**Semmi tnejn jew tliet temi għal qalbek f'dan l-ewwel rumanz tiegħek. Kif jintrabtu dawn ma' jew ivarjaw minn dak li diġà ktibt fil-versi tiegħek?**

Tema ewlenija hija l-esperjenza varjata tal-emigrant għax l-istorja tiffoka fuq il-ħajja ta' żewġ familji emigranti Maltin fil-Kanada. Sintendi, familji maħluqa minni. It-tema tal-emigrazzjoni tidher qawwija ħafna fil-kitba tal-poeżiji. Tema oħra hija li qatt ma nistgħu nkunu ċerti mija fil-mija x'jiġri fil-ħajja tal-bnedmin.  Ta' barra mhux dejjem jirrefletti kollox. U aħna dejjem noħolqu r-realtaijiet ta' dak li naħsbu li ġara. U din hi tema qawwija ħafna fl-istejjer qosra. It-tielet tema hija l-element eżistenzjali li nsibu wkoll fil-kitba kollha tiegħi.

**Għal min hu mmirat l-aktar xogħol bħal dan? X'tip ta' lingwa/stil użajt u liema huma l-ispazji li fihom ambjentajt l-azzjoni tal-istorja tiegħek?**

Ir-rumanz hu miktub b'Malti mexxej. Jiena nemmen li l-letteratura għandha tkun miftuħa għal kulħadd. Il-biċċa l-kbira tar-rumanz huwa ambjentat f'Toronto, imma hemm avvenimenti li jiġru Malta wkoll. Hemm ukoll diversi riflessjonijiet mill-karattri dwar ġrajjiet storiċi riċenti f'Malta.

**Issa li dħalt ukoll fil-kitba tal-proża, x'differenza tħoss bejn meta wieħed jiġi biex jikteb rumanz jew novelli, u meta jikteb il-poeżija? F'liema kamp iħossok l-iktar komdu? Għaliex?**

Qed nibda nħossni komdu fiż-żewġ ġeneri. Imma l-poeżija ma nsejthiex. Fil-fatt qed naħdem fuq ġabra oħra ppjanata għall-2019. Kif għidt qabel, ir-rumanzi jitolbu konċentrazzjoni differenti minn dik tal-poeżiji. Imma t-tnejn li huma jitolbu ħafna u ħafna paċenzja u tirqim u tqaċċit, u diskussjoni miegħek innifsek u ma' oħrajn.

**Kemm tħoss li r-rumanzier/poeta għandu jinvolvi ruħu fil-qasam politiku-soċjali permezz tax-xogħlijiet letterarji tiegħu?**

Nemmen bis-sħiħ li r-rumanzier u l-poeta għandu jinvolvi element politiku-soċjali għax wara kollox dan hu aspett integrali fil-ħajja ta' kuljum. U x'inhi l-letteratura mingħajr il-ħajja? Mhux qed ngħid li l-kittieba għandhom ikunu xi profeti. Imma l-analiżi, il-ħsieb u l-emozzjonijiet tagħhom għandhom ikunu parti integrali mid-diskussjoni demokratika. Nemmen ukoll li ħadd mhu newtrali u lanqas qatt nistgħu nkunu newtrali. Nippruvaw inkunu ġusti iva; newtrali le. U din hi raġuni oħra favur it-tlaqqigħ tal-letteratura mal-element politiku-soċjali.

**Messaġġ qasir tiegħek lill-ġenerazzjoni żagħżugħa rigward il-qari, il-ktieb u l-letteratura?**

Taqtgħu qalbkom qatt. Illum għandkom ħafna letteratura varjata minn fejn tagħżlu. Ibdew b'dik li tolqotkom u togħġobkom, imma bil-paċenzja varjaw ukoll. Huwa kruċjali li l-qari li ndaħħlu fl-iskejjel ikun qari li jgħaqqad mal-ħajja tal-istudenti u jkun varjat, inkella se nibqgħu ngerrxuhom mil-letteratura kif ilna nagħmlu għal ħafna snin!

**ULIED ĦIELSA**

U kemm ilbies xiddulek tul is-sekli mdallma
dawk li tad-dinja l-ġrajja sawret bil-qawwa,
biex fik għaġnu surithom u kattru s-saħħa
bil-baħar li d-destin ħażżem madwarek!
Kaxkru 'l uliedek fit-tilwim ta' żniedhom,
u ħammru b'demmek is-swar ħarsiena;
ħammru bil-ħerba l-ħitan ta' djarek,
u saħansitra b'demmek l-ibħra mbiegħda.
Iżd'int dil-ħmura żewwiġt bix-xogħfa
mal-bjuda ta' qalbek safja;
u flok l-ilbies tal-għlieda,
xiddejt minn rajk l-ilbies tal-fidwa
biex b'dawn l-ilwien qalbiena
ksibt il-ħelsien bl-għaraq ta' ġbinek,
bid-dehen ta' moħħ ħawtiel
u drigħ ix-xogħol fejjiedi,
biex int ta' omm imġarrba tgħasses ħarkiena
mill-ħakma kiefra lil uliedek ħielsa.

**MAURICE MIFSUD BONNICI**
**(minn *Weraq Sfajjar fix-Xagħri*, 2009)**

**L-ULIED M'GĦADHOMX L-ISTESS...**

L-ulied m'għadhomx l-istess...
Illum, fl-era tad-deheb,
qaħħbu lil ommhom
u ż-żmien meta
xerrdu demmhom għan-nazzjon
fuq is-swar
u batew il-ġuħ
u għexu taħt l-art
taħt theddid il-bumbardamenti
intesa u għeb...
.
Illum slaten u allat ġodda
jgħammxu l-għajnejn
bi kredi ultramoderni:
jaħkmu t-tnessija,
l-indifferenza, l-injoranza,
u l-apatija ċċertifikati,
aħwa kompliċi mixtrijin,
kompjaċenti...
Illum l-ulied
b'għajnejhom mgħammdin
imma lsienhom laxk
u lkoll kuntenti...

Illum sfaxxa kull rispett lejn l-antenati
u saret moda nobżqu f'wiċċ il-veġġenti
saret moda naħarquhom
f'isem il-progress u l-ġid għaddieni
daqslikieku l-agħar saħħara...

Ħallihom jilagħqu id il-politi-kanti
kantanti pop idoqqu l-muż'ka
li jrid il-poplu b'moħħ kantina...

Mulej tħennx għalina
għax xejn ma ħaqqna
ħlief li tinsina!

**PATRICK SAMMUT**




***Mar-Ritmi tal-Baħar* - Poeżiji ta' Charles Bezzina**

**Reċensjoni tal-Kav. Joe M. Attard**

Dawn il-ġranet ġie f'idejja l-aħħar ktieb tal-Poeta Għawdxi Charles Bezzina *Mar-Ritmi tal-Baħar*, damma ta' poeżiji li Charles kiteb bejn is-snin 2014 – 2017. Kif jistqarr Dr. Charles Briffa fl-istudju dettaljat li għamel għal din il-pubblikazzjoni, stampata għand l-A & M Printing Ltd tal-Qala, b'qoxra ta' Tonio Schembri, u li l-awtur iddedika lill-għażiża ommu li magħha għadu jgħix sallum, Charles Bezzina twieled fl-1 ta' Diċembru 1961 u ppubblika l-ewwel ktieb ta' poeżiji tiegħu fl-1987 u sa issa pproduċa għadd sabiħ ta' kitbiet li jagħtu akkumulazzjoni ta' xogħlijiet li jinsġu ħajja twila. U għadu jikteb. Minn kmieni nħossuh isawwar lilu nnifsu fil-poeżija; u f'kull ktieb jerġa' jissawwar fid-dinja poetika tiegħu permezz ta' dak li iktar 'il quddiem nsejħulu poeizzjoni. Kull ktieb li kiteb donnu bidu ġdid, u kull poeżija ġġagħlek tħossok li hija silta mis-sentiment, slott fl-umanità li jrid jaqsam mal-pubbliku. U kull silta-slott selfkonxja tinsaq b'sura ta' serjetà li timpressjona anki l-aktar qarrej riebi. Kull poeżija hija intima u universali għax il-personali jinħass ġenerali; f'*Mar-Ritmi tal-Baħar* Bezzina jittrasforma dan it-tlaqqigħ fi prinċipju strutturali.

Il-professur Briffa jissokta jgħid li f'dawn il-poeżiji tiegħu, bħall-oħrajn ta' qabilhom, jiffoka fuq xbihat komuni bħal baħar, mewġ, ilma, għadira, dmugħ, għajnejn, ħbub, dawl, u xefaq. Imma l-poeżiji mhumiex komuni għax Bezzina joħloq bihom xibka ta' enerġiji psikiċi li tagħmel kull xbieha possibbli fil-kuntest tagħha. Fl-istudju tiegħu Briffa jiddilja ma' xi aspetti ta' dawn l-enerġiji biex jagħti ħjiel lill-qarrej tal-moħħ poetiku ta' Bezzina għax il-poeżiji huma bosta drabi, rappreżentazzjonijiet tal-ħsieb tiegħu. Bezzina jikkonkludi li l-kittieb kritiku għandu moħħ meqjus. U allura jiena nisuġġerilkom li qabel taqbdu tiflu dawn il-poeżiji, tomogħdu sewwa l-kritika li għamel Charles Briffa biex tifhmu aħjar lil dan il-Poeta Għawdxi li mhux biss għandu l-Muża bħala l-aqwa ħabiba tiegħu imma minn xi snin 'l hawn beda jinteressa ruħu wkoll fl-Istorja tal-gwerra u lejn l-aħħar tal-1996 huwa beda jiġbor il-materjal kollu ta' missieru Frank Bezzina (1925-1996) bil-għan li jgħaqqad u jkabbar iż-żewġ kotba preċedenti tal-gwerra, joħroġhom fi ktieb wieħed u jiġbor il-kapitli l-ġodda li kien kiteb missieru, studjuż tal-istorja tal-gwerra f'Għawdex. Fl-2006 huwa ppubblika l-ktieb, *Il-Vittmi Għawdxin tat-Tieni Gwerra* u stinka kemm felaħ biex fuq il-Monument tal-Gwerra fit-Tokk Victoria żdiedu erbgħin vittma ġdida li kienu nieqsa. Ħabrek ukoll biex fix-Xewkija, f'Ta' Kerċem, iż-Żebbuġ, ix-Xagħra u dan l-aħħar fl-Għarb ukoll, saru monumenti f'ġieħ il-vittmi tal-gwerra.

Charles Bezzina huwa kittieb prolifiku u jiena togħġobni ħafna l-pubblikazzjoni li stampa fl-2012 bl-isem ta' *Kwadri tal-Imgħoddi*, fejn l-awtur bit-tifkiriet tiegħu, imur lura għal Għawdex ta' nofs is-snin sittin.... Għawdex differenti. Kien għoġoni ħafna wkoll il-ktieb tiegħu dwar *Ir-Refuġjati Maltin f'Għawdex fi żmien il-Gwerra*, fejn jidħol fl-istorja tar-Refuġjati Maltin fi żmien l-aħħar gwerra li qasmu lejn Għawdex biex jeħilsu mill-attakki tal-għedewwa.

Dan huwa Charles Bezzina li għandu ferm għal qalbu l-Ilsien Malti u kapaċi jħaddmu b'sengħa u dehen u mill-pinna tiegħu jiena ċert li sa jissuktaw joħorġu iktar pubblikazzjonijiet ta' stoffa u interess; bniedem li bla Poeżija ma jgħaddix u mhux darba u tnejn jgħaddi minn għalija bla ma jinduna bija għax ċert li

moħħu jkun qed ifassal xi vrus bħal dawn li għadu kemm tana f'din l-aħħar pubblikazzjoni tiegħu *Mar-Ritmi tal-Baħar*.

**FIL-KAMPANJA**

Ix-xita niżlet kmieni
fl-għelieqi mifruxin,
u xxarrbet il-kampanja,
max-xtieli ferħanin.

U jaqa' kompla ħesrem
il-weraq f'siġar kbar,
il-weraq tal-ħarifa,
il-weraq illi sfar.

U stejqru l-widien vojta
kif niżlet l-ewwel xita,
iddandnu l-bjar, il-ġwiebi,
inħaslet l-art, kull wita.

U rajt is-seħer kollu
fil-ħolma tal-ħolqien,
xammejt skiet l-art, ħamrija
qed tfuħ ma' kullimkien.

U f'qalbi ħassejt l-hena
tgħaxxaqt bil-ġmiel madwari,
bis-seħer tal-kampanja
bil-ftuħ,'il bogħod minn dari.

**CHARLES BEZZINA**
**(minn *Mar-Ritmi tal-Baħar*, 2019)**

## *INT… ISSA!*
**Kitba ta' Victor V. Vella**

Ftakar li issa int l-alla u ħadd ma jista' għalik. Int l-ikbar u l-aqwa: int iċ-ċentru tad-dinja u tal-ħajja Minnek jiddependi kollox: kemm tgħix, kemm taħdem, kemm ikollok muskoli u/jew sbuħija.
Veru li ma tafx kif ġejt fid-dinja: tista' toħroġ minnha meta trid!

Tiddejjeq xejn jekk inti gej jew lesbjan jew hekk u hekk.
Adura lilek innifsek u l-poter li għandek bis-saħħa, bil-flus, bl-ingann, bil-popolarità u bil-personalità.
L-oħrajn insihom: ma jeżistux. Jeżistu biss biex itellgħuk fuq il-pedestall u jżommuk hemm u kultant jagħalfuk xi medalja! Insa il-ħniena, u l-imħabba u l-karità.
U t-tradizzjoni, u l-unjoni u l-patrijottiżmu u daħħal l-egoiżmu.
L-isbaħ rigal li tista' taqla' hu mera kbira: biex tħares lejk innifsek.
Agħmel dak li tħoss fil-ħajja, fil-kitba fl-arti fil-mużika: kollox aċċettat… l-iżjed il-ġenn!
Għandek ħafna toroq x'taqbad u kollox hu possibbli; inti bniedem tat-tielet millennju… inti ikbar mill-kolossu tal-Greċja Antika.

L-irbit antik, ħbieb u ġirien u pajjiż insiehom. Inti ċittadin tad-dinja. Lil missierek u ommok insiehom, iżjed u iżjed jekk qatt ma qalulek kemm iħobbuk

Id-dinja hi dulliegħa f'idejk. Issa Alla miet u sirt isaltan int u l-partit, u l-flus u l-poter u s-sentimenti tiegħek.
Agħmel dak illi tħoss dak il-ħin u tħallix is-sħab jgħammixlek il-vista. Id-dinja saret discow… tħabbilx rasek!

It-tmun f'idejk.
Attent biss li ma jiġrilekx bħan-nemel li sab l-għasel fil-vażett u għereq fih!




## Żagħżugħ ta' Mitt Sena
## John Cremona, *Poeżiji* (Klabb Kotba Maltin, Malta, 2018)

**Kitba ta' Charles Briffa**

John Cremona (magħruf ukoll bħala l-Prim Imħallef Emeritus il-Prof. J.J. Cremona) twieled ix-Xagħra fis-6 ta' Jannar 1918 u huwa l-uniku poeta Malti li qabeż il-mitt sena. U għadu jikteb bil-qawwa tas-sempliċità kkaratterizzata b'ċarezza u b'sinċerità. Dawn huma karatteristiċi li juru moħħ mogħni bil-freskezza taż-żgħożija minkejja l-età kbira-sabiħa tiegħu. F'xogħlu hemm komunikazzjoni ċivili.

Għaċ-ċentinarju minn twelidu Cremona ħareġ *Poeżiji* (2018) li hu ġabra msawra minn għadd ta' xogħlijiet li kien diġà ppubblika qabel plass xi oħrajn ġodda. Hekk insibu għażliet mill-kotba tal-poeżiji tiegħu bil-Malti *Mas-Sebħ Għasafar* (2004), *Ekwinozju* (2006), *Poesie, Poems, Poeżiji* (2009), u *Il-Kantiku tax-Xagħra* (2012) flimkien ma' għadd ta' poeżiji oħra li qatt ma dehru mkien. Qabel dawn ix-xogħlijiet Cremona kiteb bosta poeżiji bl-Ingliż u oħrajn bit-Taljan. Fl-1930ijiet beda jikteb il-poeżiji bit-Taljan u ppubblika *Eliotropi* (1937) u ftit wara ppubblika għadd ta' poeżiji bl-Ingliż f'*Songbook of the South* (1940). Il-ħajja ħawtiela tiegħu ta' ġurist f'Malta u f'oqsma internazzjonali (il-kobor tiegħu f'dan il-livell ħadd ma jista' jiddubitah) ma qatlitlux il-muża u baqa' jikteb tant li ħareġ għadd ta' poeżiji oħra bl-Ingliż f'Malta *Malta* (1992), imbagħad wara beda jippubblika l-poeżiji tiegħu bil-Malti.

Sa mill-bidu nett il-kritika letterarja stmatu bħala poeta modern u eventwalment laqqmitu missier il-poeżija moderna f'Malta. Mumenti sinifikanti tal-ħajja komuni jitnaqqxu fil-versi mexxejja tiegħu b'għarfien li juri r-realtà bid-dehriet li jagħtina ta' ġrajjiet u karattri ordinarji li tħosshom jieħdu n-nifs fir-ritmi li joħolqu arja ta' familjarità u aċċessibilità. Kollox jingħad b'konċiżjoni li twasslilna versi meqjusa u bil-galbu li jagħtuna l-qofol tal-ħsieb. F'dan il-poeta hemm id-dinja ta' barra fid-dehriet poetiċi tiegħu, imma minn dawn id-dehriet tfiġġ il-ħajja ġewwiena tiegħu: jixref moħħu bix-xeħtiet u l-attitudnijiet tiegħu. Għalhekk fiha element awtobijografiku qawwi: jagħtina l-ħajja kif għexha u kif fehemha hu.

Iħaddem lingwa sempliċi u ċara li tinfirex fuq medda ta' esperjenzi 'l barra mill-poeta u fl-istess ħin dik il-lingwa tilħaqlu moħħu. Il-poeżija hija ċara għax ħafifa: iħaddem is-sengħa tal-kliem meqjus; u hija sinċiera, imseddqa bis-safa tal-ħsieb. Bil-mezzi taċ-ċarezza u s-sinċerità jpinġi r-realtà, u l-qari jrid ikun penetranti sabiex nifhmu kemm nistgħu l-bixra dinamika tal-moħħ poetiku. Għal Cremona, ir-realtà (kif tixref mill-poeżiji tiegħu) taf tibqa' titnikker fil-bniedem u mal-bidla taż-żmien l-individwu jaf jifhem il-kondizzjoni tal-eżisenza tiegħu aktar. Dan hu parti mill-ġmiel tal-moħħ fis-sempliċità u ċ-ċarezza.

M'iniex se nitkellem fuq il-karatteristiċi li nsibu fil-poeżiji ta' din il-ġabra għax dan għamiltu, bħala kritiku analitiku, fid-daħla tal-ktieb. Hawn se nitkellem ftit bħala qarrej attiv, fuq kif jaffettwawni dawn il-poeżiji li nsibhom jinsistu fuq l-aspetti kreattivi u transformazzjonali tal-qari.

Kull meta naqra l-poeżiji tiegħu nħoss li nkun irrid nifhem il-proċess poetiku tal-poeta. Il-poeżija ta' Cremona tixħetli dawl li ma bħalu fuq ir-relazzjoni

bejn il-poeżija u l-esperjenza. Il-poeżija tiegħu tiġi oġġett espressiv li fis-sħuħija tiegħu niltaqa' ma' element fundamentali fl-iżvilupp ta' tiġrib uman – tiġrib li lill-poeta affettwalu ħajtu bil-burdati tagħha kollha; u kull burdata li tinsab intratestwalment trid tingħaqad intertestwalment ma' burdati oħrajn ħalli l-istil mentali jingħaraf aħjar. U mhux hekk biss: l-esperjenza li kull poeżija titkellem fuqha tingħaraf bħala s-sit ewlieni għal proċess djalettiku tat-tiġrib, tant li jien-il-qarrej inqabbel (bit-tħassib tiegħi) it-tiġrib tiegħi ma' tiegħu meta nifhem l-esperjenzi poetiċi. Hekk il-poeżija ssir okkażjoni li tgħaqqad l-esperjenzi għax donnu dak li jħoss il-poeta jiddjaloga ma' dak li nħoss jien-il-qarrej fil-proċess tal-qari. Minħabba li l-poeżiji huma espressivi, il-poeta u jien-il-qarrej attiv niltaqgħu ma' xulxin; jiġifieri, l-ambjenti mentali tagħna t-tnejn jiltaqgħu fil-kultura Maltija. Hekk, il-poeżija ta' Cremona ssir funzjonali li twassalni biex ikolli perċezzjoni miġbura mis-sħuħija u jien-il-qarrej insir il-producer tat-test Cremonjan.

Il-bniedem fl-ambjent (li jkompli jidher f'dan il-ktieb) huwa l-bażi tad-dinja estetika ta' Cremona. Esperjenza poetika hija prodott li juri l-interazzjoni tal-poeta mad-dinja tiegħu u ma' żmienu. U l-konnessjoni tal-poeżija mal-esperjenzi ta' kuljum tfakkarni fir-responsabilità li l-letteratura u s-soċjetà jixħtu fuq l-individwu. Fil-ħeġġa tiegħu Cremona jsir mezz intimu li jiġi xxerjat miegħi-qarrej biex nifhem ftit aktar l-arti tal-għajxien. U din l-arti tal-għajxien tidħol bħala esperjenza estetika li ssir rekord u tfakkira tal-ħajja ċivili u sa ċertu pont din l-esperjenza estetika titfa' ġudizzju fuq il-kwalità tal-kontemporanjetà tagħna.

Lil Cremona nifhmu bħala r-raġel li jġarrab u l-moħħ li joħloq. Ngħidu aħna, ġarrab il-mewt ta' martu u moħħu baqa' joħloq id-dehriet tal-ġmiel tagħha ħafna snin wara mewtha. A young centenarian writing love poems to his dead wife u jgħidilha: "kemm nixtieq/ minn dik soddtok ġeblija/ inqajmek jien". Hawnhekk m'hawnx ħarba mill-emozzjoni imma ħarba għal ġol-emozzjoni. Il-funzjoni tal-poeżija tal-imħabba Cremonjana tuniversalizza l-valur tal-ħajja bħala esperjenza u tikkonċedi l-klejm tal-immaġinazzjoni li tfittex titjib il-bniedem permezz ta' lingwa espressiva. Is-sens ta' familja fih huwa qawwi u fir-realtà nara lil bintu, Mary Samut-Tagliaferro, tieħu ħsiebu bl-għożża tal-imħabba. U r-ritratt tal-qoxra huwa poeżija fih innifsu għax juri lil dan il-bniedem kbir iħaddan l-imħabba fidila tal-kelb ġwejjed.

Poeżija lirika ta' Cremona tinżamm fil-memorja fis-sħuħija tagħha aktar malajr minn, ngħidu aħna, novella, rumanz, jew dramm. U l-qari transformazzjonali jaf iwassal għal xi tifsir komplut, imma mhux mitmum: komplut għax l-interpretazzjoni ta' poeżija tkun sħiħa fid-dinja testwali tagħha imma dik l-interpretazzjoni tkun trid tissieħeb mal-interpretazzjonijiet tal-poeżiji l-oħra biex jitkompla l-profil mentali tal-poeta; u l-qarrej jgħaddi mill-"karba tal-vjolin" għall-"memorja/ imżewqa bħall-għajxien".

**LAST EVENING ALMOST DUSK**

A sudden spasm
of twitching foliage and
you know someone is picking
ripe figs down in the valley
to be dried flat on sun-scorched
rooftops and then
constrained into old rusting
biscuit tins.

This terrain adumbrates
clandestine ambushes
behind hirsute cane clusters
with sniffing dogs alert
in rubble structures,
cicadas hushed, and all around
a hint of muffled
breathing.

The distant smell of seaweed
infiltrates through thin fissures
of childhood memory, groping
octopus fingers, here
in this ghost-crowded valley
this vacant day in August
late evening almost
dusk.

*Żebbuġ (Gozo)*

**(minn *Poesie. Poems. Poeżiji*, ta' John Cremona, Midsea Books, 2009)**



## TISLIMA LILL-ĠURNALIST U POETA PAUL SALIBA

Kmieni filgħodu nhar it-Tnejn 4 ta' Frar 2019 ħalla din id-dinja l-ġurnalist, editur u poeta Paul Saliba. Huwa kellu 92 sena. Serva bħala Editur ta' "Leħen is-Sewwa" għal 30 sena (1973 - 2004). Il-quddiesa funebri saret it-Tlieta 5 ta' Frar filgħodu fil-Kolleġġjata ta' San Pawl fir-Rabat.

## PAUL SALIBA U L-KTIEB TIEGĦU *IRWIEFEN TAŻ-ŻGĦOŻIJA*

**Kitba ta'Patrick Sammut (2002)**

Paul Saliba twieled fil-15 ta' Jannar, 1927, ir-Rabat. Studja l-Liġi, l-Ekonomija u l-Kummerċ fl-Università ta' Malta u ħadem bħala Prokuratur Legali. Qasam għal qalbu ħafna huwa l-ġurnaliżmu fejn seta' jħaddem sewwa wieħed mill-akbar doni li għandu, il-kitba, l-aktar dik bl-ilsien Malti.

*Irwiefen taż-żgħożija* hija antoloġija poetika li tiġbor fiha 34 poeżija, ippubblikata fl-1980. Huma kollha poeżiji miktuba fl-aħħar sentejn tat-Tieni Gwerra Dinjija u fis-snin ta' wara (1944-1950). Hekk jikteb Saliba fid-daħla: "Kienu snin ta' ħerba materjali u morali, u ta' taqlib kbir soċjali. . . snin li ġiebu wkoll taqliba profonda fija u taw sehemhom fit-tiswir tal-mogħdijiet li minnhom kellha tterraq żgħożitu." Fost dawn il-poeżiji, mela, insibu wħud li Saliba kiteb ta' 17-il sena.

Saliba jammetti li huma poeżiji li "bħal krib f'waqtiet aktarx ta' hemm ħarġu mill-qiegħ ta' qalbi mnikkta." Sa minn kmieni kien jissaħħar mill-versi ta' Dun Karm Psaila u Rużar Briffa, u kien jinħakem mill-poeżiji ta' Karmenu Vassallo. Tant hu veru li spiss fil-versi ta' Paul Saliba jaħkmu l-istess "nirien" li ħakmu lil Vassallo fl-ewwel ġabra poetika li kien ħareġ fl-1938.

Fuq livell stilistiku Paul Saliba huwa wieħed mill-ftit poeti Maltin li jħobb iħaddem spiss varjant tas-sunett Ingliż fil-forma ta' erba' terzini u distiku finali (ara poeżiji bħal *It-taqliba*, *Tnehid*, *Madonna*, u *Bla Ħtija* li huwa sunett Ingliż normali). Għamliet oħra li jħaddem huma s-sunett Taljan, is-saffika, l-epodu, u l-kwartina.

Il-qarrej ta' *Irwiefen taż-żgħożija* jinnota wkoll ir-riferimenti frekwenti għad-dinja mitoloġika u klassika: jissemmew Venus jew Afrodite, l-alla tal-imħabba; Melkart, l-alla xemx; Feniċ; Allekto; Adonis; Iris, il-qawsalla; Ġove, il-Muża; Kupidu; u Lethe, ix-xmara li jekk tixrob minnha tinsa kull problema tal-ħajja.

**Żgħożija mqallba**

Kull żagħżugħ jgħaddi minn waqtiet ta' taqlib f'din il-fażi ta' ħajtu, imma mhux kull żagħżugħ hu kapaċi jesprimi dan kollu f'versi meqjusa. F'*Imrar* Saliba jistqarr li ż-żagħżugħ jibda jiltaqa' mal-ħalel qerrieda u qalila tal-ħajja. Għalhekk quddiem il-kobor tal-baħar iħossu dgħajjef. It-taqliba tippreżentalna l-kuntrast bejn it-tfulija (żmien il-hena) u ż-żgħożija (żmien l-imrar u l-maltemp): "Hekk jiena wkoll. L-irwiefen ta' żgħożiti/ Dallmuli s-sliem u l-hena ta' tfuliti". Saliba jaf sewwa li l-imħabba taż-żgħożija taf tqarraq bik bħalma tidħaq bik il-warda mimlija xewk (Imqarraq), u għalhekk jorbot dan iż-żmien mal-ħarifa, mat-tebgħa tal-qerq u l-ġerħa tal-qalb. Kuntrast ieħor joħroġ f'*Siġra tal-prinjol*. Siġra bħal din tiflaħ għall-bidliet li jġibu magħhom l-istaġuni, imma l-imħabba u t-tamiet taż-żagħżugħ għandhom kemm il-bidu kif ukoll it-tmiem tagħhom:

"Hawn fi ħdanek ja siġra ta' qalbi,

Inti rajtni f'waqt wieħed nixjieħ,
Rajt jisfaru t-tamiet ta' żgħożiti,
Rajthom jaqgħu u jtiru mar-riħ."

Metafora oriġinali u effettiva marbuta mal-qosor taż-żgħożija nsibuha f'*Juventus*: it-tfajjel li ġera wara l-farfett sabiħ li meta qabdu f'idejh sar trab, "Sar jaf x'inhi ż-żgħożija -/ Lbies għani fuq tallab." Minħabba l-għarfien ta' dan kollu l-poeta żagħżugħ jinħakem minn silġ, bard u dalma fi *Stella Maris*.

**It-twemmin bħala kenn**

Proprju f'waqtiet ta' ksieħ, uħux u rwiefen Saliba jfittex il-kenn fil-figura tal-Mulej. Dan narawh sa mill-ewwel poeżija li tiftaħ il-ktieb bl-isem ta' *Iftaħli, Mulej!* Kristu għalhekk huwa mifhum bħala d-dawl li fdiena mid-dalma tad-dnub; Kristu huwa "dik ix-Xemx li minn Sebħ, - minn Omm safja,/ Ġiet u fdietna minn jasar il-Qerq". Kristu jidher ukoll bħala tarbija marbuta mal-Milied Nisrani f'*Il-għanja tal-bilbla fil-lejl tal-Milied*, filwaqt li f'*Awissu* demm id-dielja li tinfirex matul ir-raba' Malti jinbidel fid-demm ta' Kristu ("Toħlom b'Għid ikbar meta demmha jisfa'/ Demm Min ħalaqna").

Minkejja l-ħafna waqtiet ta' qtigħ il-qalb li jġarrab, Saliba jidher ukoll sod fejn jidħol twemminu. *In-nawfraġju ta' San Pawl* hija tifkira tal-miġja tal-"Kbir Rażul tal-Ġnus" f'Malta. Minkejja li missirijietna kienu pagana, xorta kienu ġens ta' fidi qawwija fl-allat.

Anki l-Madonna toffri faraġ lil dan il-poeta li diġà f'żgħożitu jħossu li xjaħ minħabba l-bosta ħsibijiet li jifnuh. Din ix-"Xebba Lhudija, - l-Omm safja tal-Kelma" (ara *Ave Marija*), m'hi xejn ħlief dawl fil-poeżija *Madonna*:

"Hekk Inti wkoll. Għax ġmielek, Vesta sbejħa,
Jibqa' jdawwalli lil żgħożiti mxejħa".

L-idea taż-"żgħożija mxejħa" ħaddnuha wkoll Rużar Briffa (f'*Deżolazzjoni* kiteb "ta' min jaf illi tilef/ u qabel kiber xjieħ") u Karmenu Vassallo (f'*Dejjem... Qatt!* kiteb "Jiena, msejken, mhux hekk. . .Żgħożiti mxejħa") fil-poeżiji tagħhom.

Il-poeżija *Il-Knisja tirbaħ... u tibqa'* hija ispirata minn terzina Danteska li tinsab fil-kantika tal-*Purgatorju* fid-*Divina Kummiedja*. Il-Knisja tiġi mqabbla ma' karru miġbud minn Grifun (annimal leġġendarju nofsu ljun u nofsu ajkla) li jissimbolizza lil Kristu fiż-żewġ naturi tiegħu, jiġifieri dik divina u dik umana.

It-twemmin bħala l-bastun li fuqu jserraħ il-poeta żagħżugħ jidher ukoll f'*U jien twelidt...*, fejn isostni li l-hena vera tinsab lil hinn mid-dinja materjali:

"Għax l-Hena ma tinsabx ġo l-art tal-ħtija
'Mma biss ġo dinja oħra 'l hinn mill-qabar".

**L-art tal-ħtija u l-aspett soċjali**

Xi wħud mill-poeżiji preżenti f'*Irwiefen taż-żgħożija* jittrattaw direttament it-Tieni Gwerra Dinjija. Waħda minnhom hija *Lis-sena 1944*, fejn Paul Saliba jikteb: "O bniedem, aħfer, biex ifiġġ il-faraġ,/ Fuq dinja mriegħda." Poeżija oħra hija *Bla ħtija*: hawnhekk jirrakkonta l-ġrajja ta' tfajla li mietet wara attakk tal-bombi mill-ajru ("Fuq ġisem xbejba mtertaq mingħajr ħtija") waqt li kienet qed tfittex lil ommha wara li d-dar tagħha ntlaqtet ftit qabel minn attakk ieħor. Il-gwerra hawn tiġi metaforikament rappreżentata permezz ta' xbihat bħal "dlamijiet tal-lejl" jew "driegħ il-Ħjiena".

Poeżiji bħal *Thewdin*, *U jien twelidt...* , u *Kriżantema* jintrabtu flimkien permezz ta' versi bħal: "dina l-art tal-ħtija/ fejn m'hawnx ħlief għelt u hemm"; jew "il-bnedmin f'għemilhom saru jixbhu/ Lill-bhejjem l-aktar ħajna u faħxija. . .Ġo dinja, saltna t'għelt, ta' qerq, ta' niket,/ Ġo dinja, maqjel ta' bnedmin bla ġieħ"; jew "U waqajt fuq l-art tal-ħtija/ fejn imħabba m'hawn imkien". Versi bħal dawn żgur li jfakkru f'għadd ta' poeżiji miktuba minn Karmenu Vassallo li spiss kien jgħaddi minn waqtiet ta' qtigħ il-qalb minħabba l-fatt li ftit kien jafda lill-bniedem tant li spiċċa biex kiteb fi *Ħbiebi* li "Ħbiebi kulma ħlaqt Int: barra l-bnedmin!".

Paul Saliba jaf li ż-żmien ġab bidla anki fis-soċjetà u l-valuri Maltin. Hekk jikteb f'*Għanja lil Malta*:

"O Malta, l-ġieħ tiegħek
Mill-Għajb hu maħkum,
Għax Malta tal-bieraħ
Mhix Malta tal-lum."

F'*Għasfur, għasfur ta' qalbi. . .* jikteb dwar il-qawwa qerrieda tal-bomba atomika: "qawwa tal-għaġeb/ Moħbija fil-ħolqien,/ Li taf l-ibliet ixxejjen/ U

ddallam kullimkien." Hija evidenti r-referenza għal bliet bħal Hiroshima u Nagasaki li fl-1945 ġarrbu l-qirda ta' dil-qawwa. Hawnhekk jinsisti fuq il-fatt li l-bniedem inħakem mill-kburija għamja u ħaseb li laħaq lil Alla ("Għax fuqu ħadd ma jsaltan/ Għalih Alla ma hemmx/ Għax issa ħakem l-ibħra/ U ttajjar lejn ix-xemx"). Versi bħal dawn jerġgħu jfakkru f'poeżiji ta' Karmenu Vassallo bħal *Il-biża' tiegħi* u *Mysterium mysteriorum*. Fuq in-naħa l-oħra f'*Fil-miżien tal-ħajja* jiftakar fil-morda (imqegħdin f'kuntrast maż-"żgħażagħ mgħobbijin bil-ħtija" li jagħtuha għax-xalar sfrenat) li hemm maqfulin fl-isptarijiet, anki żgħażagħ:

"Minn ġisem tfajla, mherri b'marda kiefra,
Ir-ruħ tittajjar lejn ħlewwiet msewwija."

**Il-ġibda lejn il-Patrija**

Malta hija mifhuma bħala omm u l-Maltin bħala ulied f'*Għanja lil Malta*; u dan jinftiehem sewwa fid-dawl tal-poeżija Romantika li nkitbet fl-ewwel nofs tas-Seklu 20. Min-naħa l-oħra Saliba jfakkar fl-assedji mgħoddija f'*Innu tal-"Moviment tal-Malti għat-Tfal"*. Versi bħal dawn, minkejja l-iperbolija, jesprimu r-rabta qawwija tal-poeta ma' Malta:

"Ġo ruħna tfur ħarkiena
L-imħabba tal-qalbiena
Li mietu fuq l-iswar.
Le qatt ma jkun isimna
Maħqur mill-barranin;
Għall-ġieħ ta' Malta tagħna
Immutu lkoll henjin".

Dejjem fil-kuntest tal-poeżija Romantika Saliba jibbaża l-identità Maltija fuq it-trijanglu Malta, Ilsien Malti u Twemmin Nisrani. F'*Jum ir-rebħa* l-poeta jfakkar il-jum meta spiċċat it-Tieni Gwerra Dinjija, gwerra li tant ħalliet ħerba, dmugħ u qtil warajha li fil-verità ħadd ma seta' jiftaħar li r-rebħa kienet tiegħu.

**Il-poeżija bħala protagonista u l-bżonn għall-ħarba**

Il-Muża hija ppreżentata bħala "tfajla sabiħa bint Ġove" f'*Ħabib il-għana*. Hija x-xemx li taghti d-dawl u li tinkuruna lil seħibha l-poeta. Il-poeta, li ma' rasu dawrulu "kuruna/ Minsuġa minn ward, klin u rand", jerġa' jintrabat mas-sentiment tal-imħabba u jaħlef li jibqa' fidil lejha għal dejjem f'*In amore vivam*. Bħal poeti romantiċi oħra Paul Saliba jilgħab bil-binomju poeta-Kristu fil-poeżija *Miġnun*. Il-qarrej jistaqsi jekk il-poeta huwiex jirreferi għalih innifsu jew għal Kristu meta jikteb versi bħal dawn:

"W għax ħabb b'imħabba t'aktar minn ta' bniedem,
Maqdruh. Għaliex il-Ħaqq u s-Sewwa xandar,
Bagħduh u żebilħuh."

Versi bħal dawn ifakkruni f'poeżiji ta' Ružar Briffa bħal *Il-kotra u jien* u *Wieħed biss*.

Minħabba l-għelt kollu li hemm madwaru fid-dinja tal-bniedem xi drabi l-poeta jfittex it-triq tal-ħarba jew tal-fantasija. Bħala ħalliem huwa joħlom sliem u serħan f'dinja lil hinn minn dik tal-bniedem f'poeżiji bħal *Dehriet moħbija* u *Kwiekeb il-baħar*. Anki f'*Waħdi f'xatt il-baħar* il-poeta jaħrab mill-belt u jfittex kenn ħdejn il-baħar u jikteb:

"Hawnhekk nogħxa waħdi fil-ħolm taż-żgħożija,
Għax bogħ'd mit-tnassis u mill-għelt tal-ibliet
Hawn biss tista' ruħi tistabar fis-skiet."

Il-Qamar - flimkien mal-ħolqien, l-aktar kif jidher bil-lejl - isir is-sieħeb tal-poeta li jakkumpanjah fil-waqtiet solitarji u riflessivi tiegħu.

Dawn m'huma xejn ħlief il-versi li Paul Saliba kiteb meta kien għadu żagħżugħ. Minkejja dan xorta juri ħakma tajba fuq l-ilsien Malti u fuq ir-regoli tal-metrika u l-prosodija klassika, u għarfien wiesgħa mhux biss tat-tiġrib tal-bniedem imma wkoll tal-istorja li tmur lura sekli sħaħ. Huwa jżewwaq lill-versi tiegħu b'esperjenzi personali, imma wkoll b'għarfien li wieħed jikseb mill-kotba. Ikun interessanti li xi darba naraw għad-dawl il-poeżiji kollha li Paul Saliba kiteb wara dil-ġabra.

**SERENADE**

Kulħadd qed jgħum, jixxaħxaħ,
ġo ħolm ta' hena u sliem;
kulħadd qed jgħanni l-għanja
ta' mħabba mingħajr kliem.

U jien fittixt għanjietek
qalb l-għana tal-ħolqien;
Ah, issa sfajt imsejken
għaliex ma sibtha mkien.

**PAUL SALIBA**
**(minn *Irwiefen ta-Żgħożija*, 1980)**

## GĦAWDEX JITLEF WIEĦED MILL-AĦJAR POETI TIEGĦU - TISLIMA LIL ĠANNINU CREMONA

**Kitba tal-Kav. Joe M. Attard**




Nhar l-Erbgħa 26 ta' Frar 2019, mill-isptar Ġenerali t'Għawdex fejn kien rikoverat għal dawn l-aħħar ftit jiem ħarġet l-aħbar tal-mewt tal-Poeta tal-Assunta John Cremona magħruf aħjar fost ħbiebu u sħabu bħala 'Ġanninu" – kattoliku konvint, poeta mill-aħjar, attur u drammaturgu li kont ili nafu sa minn meta kont għadni tifel fuq il-bankijiet tal-Primarja mnejn nibtet ħbiberija qawwija li baqgħet tiżdied sa ma għalaq għajnejh għal din id-dinja. Għamilna żmien twil fl-Azzjoni Kattolika fil-Fergħa tal-irġiel tar-Rabat; kien maħbub ferm fis-Soċjetà Filarmonika Il Leone fejn għamel żmien twil bħala President. Bla dubju kull min jinzerta fil-Belt Victoria lejn nofs Awwissu ma jistax ma jismax lill-Banda Leone ddoqq u tkanta 'Għawdex kollu nbidel f'Ġenna' u 'Warda sbejħa tar-Rebbiegħa' li l-Poeta kiteb lill-Assunta fil-festa tagħha.

Ganninu Cremona twieled ir-Rabat Għawdex fit-28 ta' Diċembru 1926. Huwa studja fl-iskola primarja tal-Gvern u fil-Liceo t'Għawdex. Huwa għadda sena kors fis-St. Michael's Training College u laħaq għalliem fis-sena 1948. Wara għadd ta' snin jgħallem fl-iskejjel primarji tal-Gvern f'Malta u Għawdex, huwa għallem ukoll il-Malti u l-Istorja fl-iskola sekondarja tas-subien tar-Rabat Għawdex. Sa minn ċkunitu Cremona kien attiv fil-qasam soċjali u ħadem għal bosta snin fl-Oratorju Don Bosco fi żmien is-Sależjani u fl-Azzjoni Kattolika. Għamel snin twal attiv ukoll fi ħdan is-Soċjetà Leone u għal erba' snin kien it-Teżorier u għal seba' snin il-President. Fl-10 ta' Gunju 2006 huwa ġie mogħti Ġieħ il-Belt Victoria għall-kontribut li ta fil-qasam tal-kultura Drammatika bħala kittieb u bħala attur, u fil-31 ta' Awwissu 2007, ingħata Diploma mill-Għaqda Poeti Maltin u maħtur bħala Membru Onorarju għall-ħidma tiegħu b'risq il-Poeżija.

Meta kien għadu student, Cremona ħass il-ġibda lejn il-Letteratura Maltija. L-iktar li laqtuh kienu l-poeżiji ta' Dun Karm u tal-Poeta Għawdxi Ġorġ Pisani. Meta kien għad għandu erbatax-il sena, bl-inkoraġġiment u l-għajnuna tas-Sur Pisani, li kien is-Surmast tiegħu tal-Malti fil-Liceo, Cremona rnexxielu jippubblika l-ewwel poeżija tiegħu, "Il-Warda Maltija", fuq ġurnal li kien joħroġ fi żmien il-Gwerra bl-isem ta' "Young Malta". Din il-poeżija kienet l-ewwel pass fil-karriera letterarja tas-Sur Cremona, għaliex it-tifħir li qalgħet sewa ta' inkuraġġiment kbir għaż-żagħżugħ student.

Iktar ma Cremona kiber u iktar ma beda jimraħ fl-oqsma sbieħ tal-Letteratura Maltija, Taljana u Ingliża, iktar kompliet tikber fih ix-xejra tal-poeżija. Matul l-aħħar sentejn tal-kors tiegħu fil-Liceo, insibu li kien diġà kiteb numru sabiħ ta' poeżiji. Bla dubju llum għandu għadd kbir ta' poeżiji, uħud minnhom jinsabu fil-ktieb tiegħu *Warda Sbejħa tar-Rebbiegħa*, damma ta' sebgħa u tletin poeżija minsuġin minn versi ta' kull xorta li nsibu fil-metrika Maltija. Uħud minnhom huma poeżiji twal narrattivi, oħrajn sunetti u oħrajn innjiet li ġew immużikati minn diversi kompożituri. Il-Madonna minn dejjem kienet għajn ta' ispirazzjoni għall-Poeta Ġanninu Cremona, meqjuma fil-Katidral tal-Belt Victoria. Hekk hu qalilha darba f'ittra li kitbilha fl-għodwa tal-ħmistax t'Awwissu ta' sena minnhom:

Għażiża Sinjura,
Kif int? Tajba żgur.
Hemm fuq ma jonqsok xejn.
Agħdirni xtaqt niktiblek,
kif naf dawn il-kelmtejn.
Sabiex nagħtik l-awguri,
f'dal-jum tal-festa tiegħek
b'xewqat ta' ferħ u mħabba
ta' għaqda waħda miegħek.




Bosta poeżiji oħra tiegħu jinsabu fil-ktieb l-ieħor tiegħu *Weraq tar-Rand* waqt li salt oħra dehru fuq ġurnali u rivisti lokali u nstemgħu wkoll fuq il-mezzi tax-xandir. Oħrajn jafu bihom biss il-ħbieb tiegħu tal-qalb, għaliex fl-imgħoddi, kull meta kien jikteb xi poeżija, huwa kien iħobb jaqraha lil ħbiebu, speċjalment lil Dun Franġisk Scicluna (illum ħalliena) li kien dilettant kbir tal-Malti u ħabib ta' ġewwa ta' Ġanninu Cremona. Ma rridx ninsa nsemmi l-Ballata li Ġanninu kien kiteb dwar l-Assedju t'Għawdex tal-1551 u li kienet ġiet drammatizzata propju 'l ġewwa mis-swar taċ-Ċittadella mnejn kienu nġarru lsiera madwar 5000 ruħ. Dil-ballata li Ġanninu kiteb bil-vers tal-għaxra tinsab miġbura fi ktieb b'Daħla ta' Mons .Joseph Bezzina u b'Kummenti Analitiċi ta' Joe Camilleri u mżewqa b'għadd ta' illustrazzjonijiet tal-Pittur il-Kav. Pawlu Camilleri Cauchi. Il-President tal-Għaqda Poeti Maltin, is-Sur Alfred Massa, fir-rivista tal-Għaqda "Versi", kiteb hekk dwar 'Il-Ballata tal-Assedju': "Jekk toqgħod tifli l-versi ssib li hi xogħol ta' livell għoli."

Xi kwalità ta' poeta hu Ġanninu Cremona? Min jaqra xogħlijietu mill-ewwel jinduna li n-Natura kellha qawwa kbira fuqu; allura nsibu li bosta mill-poeżiji li kiteb matul is-snin huma mlibbsa l-libsa tal-kuluri li bil-fantasija tiegħu seraq mill-veduti oriġinali tal-ħajja u bħal pittur għaqli poġġihomna fuq it-tila. Bosta drabi ninnutaw li dan il-poeta kien isib il-għaxqa u s-serħan tiegħu meta kien ikun waħdu, fis-skiet tal-kampanja bħalma qalilna f'din is-silta f'waħda mill-poeżiji sbieħ tiegħu.

"Saqajn tajba agħtini Mulejja
biex interraq, nixxabbat l-għoljiet,
biex nitbiegħed mill-għagħa tal-ħajja
u ngħix hieni fis-saltna tas-skiet.

Ħalli niftaħ għajnejja fil-beraħ
li jinfirex 'il bogħod bla ħitan,
u nitgħaxxaq bil-ħdura madwari
u bis-sema kaħlani, fuqan.

Inħobb noħroġ fil-beraħ tal-oqsma
biex infittex il-paċi u s-sliem
dik il-paċi moħbija fil-ħlewwa,
f'dak il-kobor u l-ġmiel tal-ħolqien.

Kemm hu sbejjaħ tgħix ħieles il-ħajja
tal-għasafar ġo dinja bla rbit,
fejn il-ħajja tidħaklek, tgħannilek,
u tnessilek kull ħsieb ta' taħbit.

Lil Ġanninu Cremona nistgħu nsejħulu wkoll poeta drammatiku għaliex tana għadd ta' poeżiji drammatiċi, mibnija fuq leġġendi li huwa nnifsu ħoloq. Għal dawn il-poeżiji l-poeta għamel użu minn versi qosra ta' sitta jew seba' sillabi. Fihom tidher il-qawwa tal-kelma u s-saħħa tar-riflessjoni. Tnejn minn dawn il-poeżiji "Il-Papoċċi tal-Madonna" u "Il-Mogħdija tal-Ward" huma ppubblikati fuq ir-rivista "Leħen is-Sależjani f'Għawdex", magazine li tiegħu John Cremona stess kien l-editur. Dawn it-tnejn ukoll kienu ġew imxandra minn fuq ir-Rediffusion matul programm letterarju. Poeżija oħra, "Il-Ħlas tal-Fidwa", li fiha madwar erba' mitt vers, kienet l-item prinċipali ta' Serata Letterarja li nżammet fit-Teatru tal-Opra Aurora fl-1970. Din l-istess biċċa xogħol, li fiha ħadu sehem tmien persunaġġi, kienet intweriet

ukoll fuq TVM fl-istess sena waqt programm letterarju.

Ġanninu Cremona tana wkoll xogħlijiet sbieħ u ta' valur letterarju għall-Palk. Fost l-oħrajn nistgħu nsemmu "L-Aħħar Seba' Kelmiet", kitba simbolika letterarja li b'suċċess kbir kienet ippreżentata għall-pubbliku Għawdxi fis-sena 1972 fl-istess Teatru Aurora.

Barra kittieb ta' xogħlijiet oriġinali, lil Cremona narawh ukoll bħala traduttur ta' awturi mit-Taljan u mill-Ingliż. Fost l-aħjar traduzzjonijiet insemmu "Il-Kardinal Giovanni De Medici" u "Il Fornaretto di Venezia". Mill-Ingliż huwa kien qaleb il-kummiedja famuża tal-"Moliere School for Husbands". Ġanninu qaleb ukoll għall-Malti l-Operetta "The Michado" ta' Gilbert and Sullivan, sew il-proża kemm il-lirika, li kienet imtellgħa fit-Teatru tal-Opra Aurora taħt id-direzzjoni tas-Surmast Joseph Sammut. Xogħol oriġinali ieħor ta' Ġanninu huwa l-Musical "Scrooge", mużika ta' Mro Colin Attard u l-Musical f'ġieħ Santa Marija 1956 b'mużika ta' Mro Paul Abela.

Il-pinna ta' Cremona ma naqsitx li tħarbex ukoll xi novelli minbarra artikli għal fuq magazines, editorjali u kitbiet oħra. Sabiex nagħlqu dan it-tagħrif dwar l-awtur Ġanninu Cremona, aħna għażilna li nagħtukom silta qasira minn waħda min-novelli tiegħu li jisimha "It-Tfajla tal-Melħ". Din tirrakkonta storja ta' mħabba, miktuba fuq sfond lokali, li tiġri f'wieħed mill-irħula t'Għawdex. Jiena ċert li dak li ser taqraw jogħġobkom.

".... Il-kuntistabbli tal-Għassa kien jinżel bil-mixi mill-Munxar u jagħmel l-għassa tiegħu mit-Torri tax-Xlendi. Meta x-xemx titbaxxa ma' wiċċ il-baħar, hu kien jerġa' lura lejn il-Munxar, jinġabar f'daru. Sewwasew taħt dak it-torri, imperreċ donnu fuq ilsien blat quddiem il-plajja, hemm mifruxa għadd kbir ta' salini jew għadajjar tal-melħ. Kull meta s-sema jkun safi u x-xemx tkun tisreġ fuq baħar tal-ħġieġ, kont tilmaħ fuq dik is-sikka tat-torri, kif jgħidulha, tfajla smajra, lewn id-deheb xuxitha, bil-barmil f'idha, iddur 'l hawn u 'l hemm, troxx l-ilma. Raġel xwejjaħ, xagħru bħal qoton, kont tarah ma' ġenbha bilqiegħda fuq xi blata, idaħħan pipa twila tal-qasab. Dawn kienu missier u bint, Xmun u Marija."

Il-funeral ta' Ġanninu Cremona sar nhar l-1 ta' Marzu 2019 fil-Knisja Katidrali li tant kien iħobb.





## *BIEX MA NINSEWX*

**Kitba ta' Mary Chetcuti**

Il-bandiera fuq il-Kwartieri Ġenerali tal-Armata Brittanika f'Kastilja ttajret mezzasta u bħalha ttajru bnadar oħrajn fuq bini pubbliku, każini, djar privati u l-bastimenti kollha li nzertaw fil-Port il-Kbir hekk kif xterdet l-aħbar li fil-jum ta' qabel, nhar it-Tlieta 10 ta' Ottubru 1961, kienet ġrat diżgrazzja kbira li fiha mietu għadd ta' suldati Maltin.

Matul in-nofstanhar ta' filgħodu tal-11 ta' Otturbu uffiċjali tal-armata bdew biż-żjarat għand il-familji milquta sabiex jagħtuhom l-aħbar kerha li l-għeżież tagħhom kienu fost il-vittmi tat-tiġrif ta' ajruplan militari fil-Libja.

Fl-istess waqt is-Servizz tar-Relazzjonijiet Pubbliċi tal-Armata ħareġ stqarrija għall-istampa li kienet tgħid: "Il-Kwartieri Ġenerali tat-Truppi u l-Kwartieri Ġenerali tar-Royal Air Force ta' Malta jisgħobbihom iħabbru li ajruplan Hastings tal-R.A.F. li kien qed iġorr membri tal-Malta Fortress Squadron, Royal Engineers kien involut f'inċident ġewwa El Adem għall-ħabta tas-6.30 p.m., ħin ta' Greenwich, ilbieraħ. L-aħħar rapporti jgħidu li 8 ġew irrappurtati neqsin, 10 midrubin serjament u 9 korruti ħafif. Il-qraba qegħdin jiġu mgħarrfin. Dawn is-suldati kienu qed jirritornaw Malta wara li temmew taħriġ fl-Afrika ta' Fuq."

Sa wara nofsinhar in-numru tal-mejtin tela' għal 12, bi 11 minnhom Maltin filwaqt li l-midrubin gravi kienu 5 u għadd ta' suldati oħrajn indarbu ħafif. Il-poplu Malti maħsud u mbikkem kif kien baqa' jsegwi l-aġġornamenti tal-armata u kulħadd jitlob biex ma jkunx hemm aktar imwiet.

Nhar il-Ħamis, 12 ta' Ottubru 1961, sar il-funeral tal-ewwel seba' suldati Maltin u kaptan Ingliż f'ċerimonja bl-unuri militari kollha ġewwa ċ-Ċimiterju ta' Pembroke li hemm fil-limiti ta' St Andrew's. Kienet xena ta' qsim il-qalb b'ulied żgħar jibku lill-missier li tilfu, ommijiet jolfqu għat-telfa għal għarrieda ta' binhom l-għażiż u nisa romol iħosshom ħażin maħkumin u megħlubin mid-dulur.

Tliet suldati Maltin li kienu midrubin serjament ittieħdu fi sptar militari ġo Ċipru mnejn aktar tard ittajru lejn l-Ingilterra u tqiegħdu taħt kura intensiva fl-Isptar tar-Royal Air Force ġewwa Halton speċjalizzat fit-trattament ta' ġrieħi gravi kkawżati minn ħruq.

X'kien ġara f'dik il-lejla misħuta u x'ikkaġuna l-inċident? Din kienet il-mistoqsija fuq fomm kulħadd u appena bdew ġejjin lura s-suldati Maltin li kienu ħelsuha bi ġrieħi ħfief jew għax kien messhom jirritornaw fuq titjira aktar tard, bdew ħerġin dettalji orribbli tad-diżgrazzja.

Is-suldati tal-Malta Fortress Squadron, Royal Engineers, li kienu kollha Maltin minbarra l-uffiċjali, marru l-Libja f'nofs Settembru bil-baħar. Din l-iskwadra ta' 210 militari kienet stazzjonata għal xahar fl-inħawi ta' Tobruk-Derna-El Mechili fejn ħadu sehem u wettqu taħriġ militari.

Barra minn hekk, taħt il-kmand tal-Maġġur J. Eastwood, RE, l-inġiniera Maltin kienu qed jaħdmu fuq il-proġett ta' kostruzzjoni 'Exercise Saturn'. Hawnhekk il-qawwiet militari Brittaniċi kienu qed jibnu toroq u airstrips għan-NATO fid-deżert Libjan. Is-suldati Maltin kienu qed jaħdmu fuq dal-proġett flimkien ma' stakkamenti ta' suldati minn Ċipru.

Wara xahar xogħol u taħriġ l-inġiniera Maltin bdew jinġiebu lura lejn Malta fuq titjiriet b'ajruplani kbar tal-għamla R.A.F. Hastings 498 li ironikament is-suldati Maltin kienu jirreferu għalihom bħala l-karrakka. Fil-jum tad-diżgrazzja telgħu abbord 40 suldat Malti u żewġ uffiċjali Ingliżi. Kif l-ajruplan ħa l-ġirja biex jinqata' mill-art għal xi raġuni tmejjel u ġgarraf fuq il-ġwejnaħ tax-xellug bil-konsegwenza li t-tank tal-fuel fuq dik in-naħa ħa n-nar.

Għalkemm imwerwrin, is-suldati xorta waħda kienu

jafu x'għandhom jagħmlu f'każi simili. Fetħu t-twieqi ta' emerġenza u ħarġu fuq il-ġwejnaħ iżda taħthom sabu baħar ta' nirien mifruxa madwarhom. Bla telf ta' ħin għenu lil xulxin jaqbżu mill-għoli għal fuq irqajja' żgħar fejn kien għadu ma nxteridx il-fuel jaqbad.

Ħaddiema Maltin ċivili li kienu qed jaħdmu fuq l-istess proġett ġrew sabiex jagħtu l-għajnuna lil sħabhom. L-istess għamlu suldati Ingliżi u ċivili Għarab li ħarġu jiġru minn teatru taċ-ċinema fuq is-sit meta semgħu l-ħoss li għamel l-ajruplan. Ix-xeni tal-waħx li raw quddiem għajnejhom ta' nies jinħarqu ħajjin fost għajjat iddisprat ma nsewhom qatt.

Il-kaġun tad-diżgrazzja seta' kien il-fatt li f'mument delikat tat-tlugħ, il-pilota ġera lura bih is-sit (jew inqasam bih), tilef il-kontroll u ġarrfu fuq il-ġwejnaħ. Iżda l-għajdut kienu ħafna u fosthom kien hemm min qal li ra lill-piloti xurbana qabel it-titjira.

Il-vittmi Maltin fid-diżgrazzja ta' El Adem kienu s-Surġent Emmanuel Falzon min-Naxxar, Lance-Corporal Nazzareno Portelli mill-Ħamrun, Lance-Corporal Emanuel Fsadni mir-Rabat (Malta), Sapper (Inġinier) Francis Galea u Sapper Raphael Avallone minn Tas-Sliema, Sapper Salvatore Lia minn Ħal Qormi, Sapper Paul Cilia mill-Ħamrun, Sapper Carmelo Tabone minn Birkirkara, WOII (Warrant Officer) Edwin Harrison minn Tas-Sliema, Sapper Joseph Psaila mill-Ħamrun, Sapper Barber u Sapper Stivala min-Naxxar, kif ukoll Sapper Caruana miż-Żurrieq.

Sapper Nazzareno Busuttil mill-Ħamrun, Sapper Duca minn Ħal Għaxaq u l-Kapural Nazzareno Sammut mill-Qrendi mietu bejn il-15 u l-31 ta' Ottubru wara li kienu ttieħdu l-Ingilterra għall-kura intensiva. Magħhom tilfu ħajjithom il-Kaptan Ingliż Francis Joseph Boatwright li kien joqgħod Gwardamangia u membru tal-ekwipaġġ tal-ajruplan Hastings.

Fakkart l-istorja tat-tiġrif tal-ajruplan f'El Adem mhux biex niftaħ mill-ġdid il-ġerħa fi qlub il-familji milquta imma biex qatt ma ninsew lil dawn ħutna qalbiena Maltin.

## XJUĦIJA

Xjuħija
sbuħija
fil-pilloli
toqol fl-għekiesi
żmien melliesi.
Fejnek, Akille,
saqajja
għalkemm bla tbajja'
għajjew.
Hekk sew?
Ingerger minn filgħodu
ingerger waqt il-brodu
ingerger filgħaxija.
Ummi ma! Bla bqija
se nisfa' wara ħlasijiet
ta' ħajja li għaddiet
qisni bla naf
li jien għaddejt b'għanjiet
iduru miegħi,
ma' rasi, ma' driegħi.
Xi qżież!
Le, għeżież
tiegħi.
Emmnuni,
ejjew miegħi
u taraw jekk iniex sinċier.
Hemm hu, intefa l-lampier
tal-knisja.

## INDECISO

Come cavalli trottanti
su strade sbalordite
Come asini fastidiati
affaticati nella notte buia
Come piccini che dormono
senza pensare a niente

Come famiglie gromite
impaurite e senza soldi
Come il vento che soffia
in un giardino incantevole
Io stamattina sono indeciso
con la mente assopita
non sapendo che fare.

**CARMEL MALLIA**
**(minn *My Latest Poems*, 2018)**

## FIL-MISRAĦ TA' EIN KAREM
**Rakkont ta' Lina Brockdorff**

Elisheva kellha t-tarbija ta' sitt xhur fuq driegħ waħda waqt li bl-oħra qabdet bomblu tal-fuħħar biex tfittex tmur iġġib l-ilma mill-għajn tal-misraħ. Ma setgħetx tkompli ssajjar għax ma kienx fadlilha qatra ilma. B'xorti tajba mhux li kellha wisq bogħod għall-għajn għax kieku kien ikollha tħalli lil binha ma' xi ġirien; kien beda jitqal ġmielu.

Xħin waslet fil-misraħ indunat li kien hemm bosta mir-raħħala għalkemm hemm dejjem tistenna li jitnikkru jpaċpċu n-nisa li jħallu darhom biex iġorru l-ilma. B'dankollu kien qishom li ġralhom xi ħaġa, dehru eċitati sew, ħaġa mhux tas-soltu. Ma damitx ma fehmet x'kien dak li ġara.

Għax ftit 'l hinn mill-għajn minn fejn in-nisa jieħdu l-ilma għad-dar tagħhom kien hemm ħawt kbir li minnu soltu jixorbu ż-zwiemel, ħmir, bgħula u xi ngħaġ u mogħoż ukoll, ilma ġieri nieżel mill-għoljiet Karem. Imma dak in-nhar ma kinux l-annimali tas-soltu li resqu 'l hemm biex jixorbu. Kienu tliet iġmla.

Ngħiduha kif inhi, lanqas ma kienet ħaġa rari għal kollox li tara xi ġemel jixrob minn hemm. Li mhux tas-soltu kienet id-dehra ta' tlitt irġiel lebsin b'mod stramb u li qatt ma raw bħalu. Żgur li ma kinux Lhud, lanqas ma kienu ragħajja, ħaddiema tal-għalqa jew xi negozjanti; setgħu kienu slaten minn art imbiegħda, ilbishom rikk tal-bellus miksi perli u deheb kien jixhed dan. Tnejn minnhom, b' ġilda ftit skura kienu mitlufin jitkellmu bejniethom waqt li l-ieħor beda qisu jiggosta lil dawk in-nisa ċassi jħarsu lejh. Ħalli għalihom in-nisa, billi ma jbatux bil-kurżità! Lanqas tistennihom li jibqgħu lura jekk jaraw raġel iħares lejhom u jinteressa ruħu fihom!

Elisheva waqfet ftit 'il bogħod minn dak it-tielet raġel li kważi kellu tbissima fuq xofftejh. Hi wkoll, mhux inqas min-nisa l-oħra, kellha kurżità kbira li ssir taf min hu, għax xi jumejn qabel kellha esperjenza li għaliha baqgħet misterjuża. Min jaf jekk dak kienx xi saħħar, xi studjuż kbir li jaf jispjegahielha? Mill-banda l-oħra mara mhux soltu tkellem lil raġel barra t-triq, bilkemm lil żewġha. B'daqshekk? X'seta' jiġrilha? Setgħet tapprofitta ruħha mill-fatt li kienet avvanzata ġmielha fl-età, ħallihom jgħidu li jridu n-nisa l-oħra. Imma tgħid jifhem l-ilsien tagħha? Billi tipprova ...

Qorbot lejn dak ir-raġel tal-ilbies sbejjaħ u tat-tbissima fuq xufftejh. Erħiet il-bomblu tal-fuħħar mal-art għax it-tarbija bdiet tiżżerżaq 'l isfel. Sellmet lil dak ir-raġel b'inkin żgħir u qaltlu: "Ja Sidi, qalbi qed tgħidli li intom ġejjin min-naħa ta' Bethlehem. Nixtieq insaqsik xi ħaġa... għax xi jumejn ilu kont fis-setaħ tagħna fil-għoli u rajt kewkba ta' dawl mhux tas-soltu li damet biċċa mhux ħażin miexja u wara waqfet għal ftit, imbagħad għebet għal kollox. Taf, jekk jogħġbok tgħidli x'kien dak il-fenominu għax... " Deher li qed jifhimha għax beda jinteressa ruħu f'kull kelma li tlissen. Għalhekk kompliet: "għax għandi kuġinti Marjam li bħalissa aktarx li tinsab hemm billi marret biex tirreġistra isimha... u din qed tistenna tarbija, emminni moħħni fiha... Tgħid mort imqarrqa, kienet biss l-immaġinazzjoni tiegħi?"

"Mara, sewwa qed tgħid. Kienet kewkba speċjali dik! U kellek taraha int ukoll! Jien ma nafx min inti, imma ladarba Jaħweh riedek tara dak il-fenominu jfisser li xtaq jgħaddilek il-bxara... Iva, għax dak in-nhar twieled tarbija speċjali li aħna t-tlieta ġejna minn artijiet imbiegħda biex inqimuh. Id-dinja għad tinbidel bit-tagħlim tiegħu... fl-istess ħin wisq nibża' li l-istess niesu mhux ser japprezzawh. Għad ibati... għad ibati ferm dak it-tarbija ... u miegħu għad ibati wkoll dak li għalih qed iħejji t-triq... Jimporta nistaqsik... X'jismu dan ibnek, mara?"

"Jismu Jochanan."

"Ismagħni sew, mara... La jibda jikber Jochanan, ftakar irrakkontalu dwar dik il-kewkba, tinsiex, għax hu għad ikollu sehem kbir fil-missjoni ta' dak li twieled f'Bethlehem... dik it-tarbija ta' kuġintek."

Kif qal hekk għolla jdejh it-tnejn fuq ras it-tarbija, refa' rasu 'l fuq u talab: "Il-barka ta' El Shaddai ta' Iżrael tinżel fuqek, mara u fuq dan ibnek Jochanan. Inħossni xxurtjat li ltqajt magħkom."

"Jien ukoll, ja Sidi!", temtmet Elisheva waqt li baqgħet iċċassata tħares lejh. Imbagħad sellmitlu, ġabret il-bomblu minn mal-art u bid-dmugħ nieżel ma' wiċċha marret timla' l-ilma. U żammet f'qalbha sa ma mietet il-kliem li darba qalilha dak ir-raġel fil-misraħ ta' Ein Karem.

## *FAREWELL TO MALTA*

**A poem by George Gordon Byron**

Adieu, ye joys of La Valette!
Adieu, sirocco, sun, and sweat!
Adieu, thou palace rarely enter'd!
Adieu, ye mansions where I've ventured!
Adieu, ye cursed streets of stairs!
(How surely he who mounts you swears!)
Adieu, ye merchants often failing!
Adieu, thou mob for ever railing!
Adieu, ye packets without letters!
Adieu, ye fools who ape your betters!
Adieu, thou damned'st quarantine,
That gave me fever, and the spleen!
Adieu, that stage which makes us yawn, Sirs,
Adieu, his Excellency's dancers!
Adieu to Peter - whom no fault's in,
But could not teach a colonel waltzing;
Adieu, ye females fraught with graces!
Adieu, red coats, and redder faces!
Adieu, the supercilious air
Of all that strut 'en militaire'!
I go - but God knows when, or why,
To smoky towns and cloudy sky,
To things (the honest truth to say)
As bad - but in a different way.

Farewell to these, but not adieu,
Triumphant sons of truest blue!
While either Adriatic shore,
And fallen chiefs, and fleets no more,
And nightly smiles, and daily dinners,
Proclaim you war and woman's winners.
Pardon my Muse, who apt to prate is,
And take my rhyme - because 'tis 'gratis.'

And now I've got to Mrs. Fraser,
Perhaps you think I mean to praise her-
And were I vain enough to think
My praise was worth this drop of ink,
A line - or two - were no hard matter,
As here, indeed, I need not flatter:
But she must be content to shine
In better praises than in mine,
With lively air, and open heart,
And fashion's ease, without its art;
Her hours can gaily glide along,
Nor ask the aid of idle song.

And now, O Malta! since thou'st got us,
Thou little military hothouse!
I'll not offend with words uncivil,
And wish thee rudely at the Devil,
But only stare from out my casement,
And ask, for what is such a place meant?
Then, in my solitary nook,
Return to scribbling, or a book,
Or take my physic while I'm able
(Two spoonfuls hourly by the label),
Prefer my nightcap to my beaver,
And bless the gods I've got a fever.

**May 26, 1811.**

(Ħajr lil Carmel Scicluna li fakkarna f'din il-poeżija permezz tal-paġna FB tiegħu.)



**LIL MIKIEL ANTON VASSALLI**
**Sunett. B'apoloġija lil Ġorġ Pisani.**

M'għadux ġo qabrek jifraħ l-għadam tiegħek,
u xejn ma jiswa llum it-tifħir tagħna,
għax ħsiebek u ħidmietek, l-għelm minn tiegħek
Malta, Maltija nsiet għax qed tistagħna.

Min ried itik fuq wiċċek u żarma driegħek
magħna m'għadux, minflok titrabba qiegħda
ġenerazzjoni ġdida li trid tmiegħek
dak kollu l'hu għażiż u għamlet wegħda.

Għereqna fit-tmattir tal-opulenza,
insejna dak li lilna ġens jagħmilna,
l-ilsien, twemmin, l-għaqal u l-prudenza,

u ngħumu bdejna fejn mank biss jilħqilna
mal-pixxiplamti, l-ilpup tal-affluwenza,
u nsejna sew dak li Maltin jagħmilna.

**ALFRED GRECH**

**KULTANT**

Kultant inħoss li jien daqsxejn ta' fjura
tixxejjer 'l hawn u 'l hemm
ma' kull buffura.

Kultant inħossni mdaħħal f'avventura
li minnha m'għandix ċans
li nerġa' lura.

Kultant inħoss li jien ġarra miksura
b'ġebliet b'saħħa mwaddbin
minn ħbieb għajjura.

U dan għax jien marid b'marda bla kura
imsejħa minn xi wħud
Letteratura!

**CARMEL G. CAUCHI**

**IT-TRIQ**

Imxejtha sewwa t-triq: issa ftit mgħaġġel
issa bil-mod; ma ħallejt xejn iżommni
lura, la biki lanqas uċuħ koroh,
għalkemm il-ftit waqgħat ħassejthom sewwa.
Sa fej naf jien ma kelli qatt għedewwa.
Xi ħadd mexa quddiemi bil-bandiera
miżbugħa lewn ix-xemx; imxejt warajha ,
minn kewkba ħadra msieħeb, tarmi t-Tama.
Ħaddant il-ħodon ward li lewwnu 'l ġnieni
u offrejthom bħala ħajr lid-Destin żieni.

**KARMENU MALLIA**

**WARA ŻJARA FL-ISPTAR**
**B'dedika lil T. B.**

Tnikkitt
infliġt
tkissirt
tħassart
waqaft
u skitt
quddiem il-mard
li m'għandux qalb
u ħsibt għal waqt
għalxejn it-talb?

Staqsejt
għelejt
tbikkejt
għejejt
inksirt
u lbitt
quddiem ħabib
mgħaffeġ mhux ftit
Ħarist 'il fuq
Mulej u Sid?

Miġruħ
bla ruħ
mifqugħ
fid-dmugħ
tkexkixt
w inxift
it-tama bkiet
għat-tweġibiet
li nbidlu lkoll
f'mistoqsijiet.

**DUN GEOFFREY GEORGE ATTARD**

**NAĦFER, IMMA...**

Naħfer,
imma ma nistax ninsa
kemm terraqt fid-deżert
sabiex ersaqt bil-għatx lejn l-oasi.
Ma nistax ninsa
t-togħma morra fl-ikel
u r-riħa tinten fuq ħwejġi.

Mhux sakemm
nibqa' nġorr it-tabella ma' dari,
nibqa' stordut bl-arja tossika li blajt fl-imgħoddi,
nibqa' niekol mill-fdal li jaqa' minn fuq il-mejda,
għadni nara t-trab tal-imgħoddi f'kull merżuq ta' dawl.
Mhux sakemm
tfarrakt u għadni niġbor il-frak.

Tlumnix jekk kull poeżija li ktibtlek qattajt
u
dawn huma l-uniċi versi li niftakar.

**OMAR SEGUNA**

**MISSIERI**

Missieri mhux avukat,
tabib jew xi perit
lanqas hu negozjant
li għandu liri kemm irid

Mhuwiex bniedem tal-pinna,
b'tajn u trab jiġi id-dar
Qatt ma rċieva xi unuri
qatt  ma kien wieħed mill-kbar

Mhux se ssib ismu imtella'
ma' kull klikk illi issir
għax mhux Putin jew Obama
jew politikant kbir

Imma xorta tani ħafna,
pprovda saħħa u edukazzjoni,
kien hemm fejn kelli bżonnu,
kien hemm jieħu azzjoni

Tani pariri siewja,
iggwidani f'din it-triq,
Rġulija nissel fija,
l-bastun tiegħi waqt iż-żlieq

U f'għajnejja lil missieri,
għalkemm b'liri mhux sinjur,
xorta hu l-aqwa persuna,
tiegħi l-aqwa benefattur

**KEVIN TANTI**

**LA BREZZA**

Sai,
ti ho sentito sussurrare ieri sera
vicino al mare.
T'ho chiesto perché la bellissima  brezza
l'avevi limitata a quelle ore di buio.
Poi d'un tratto sentivo che ridevi di me,
che mi consideravi arrogante
avere solo il pensiero
di controllare…
Il vento.

**JOHN CONSIGLIO**

**IRRID**

Irrid inkun jien Malti
li ngħix fil-libertà;
irrid li dak li naħseb
ngħidu għax verità;
irrid li leħni nsamma'
u lil għajnejja nżebbeġ;
irrid lil qalbi nimla
b'imħabba dejjem tħeġġeġ;
irrid nisma' jitlissen
mill-fomm ruxmata kliem;
irrid li dan inissel
fost ħuti barka u sliem;
irrid nara madwari
isseħħ bla biża' l-ġrajja;
irrid il-bniedem ħieles
ħa' jagħti għan lill-ħajja;
irrid ngħaddi mit-toroq
nara wċuħ imbissmin;
irrid li kull nisrani
jgħajjex fih it-twemmin.

**JONH MALLIA**

**X-RAY**

Bilkemm ma tħajrux
jaqrawli wkoll l-effemèridi ta' ruħi
dar-raġġi kesħin li nifduni sal-intern
iteftfu u jirradjaw
jispezzjonawli l-perfezzjonijiet
u l-mankamenti.
Żgur jisimgħu lil qalbi tħabbat
l-intonazzjonijiet irregolari tagħha
huma u għaddejjin żbrixx
mal-ventrikoli
iżda ma jikxfunix intambar beżgħati
waqt li nifli l-mekkaniżmu li jiflini
u nitqabad mal-mistħija
tar-rażan quddiem l-infermier.
Nixtieq nistaqsihom
x'jidhrilhom
imma rrid niftakar inżomm in-nifs
biex xejn ma jaħarbilhom.

**THERESE PACE**

**SULLA SPIAGGIA DI MIA VITA**

Sulla spiaggia di mia vita
m'invigorisce il sole
che risplende,
ed insieme,
- il sole e la spiaggia -
ricordano ognuno…
e la voce aspra
della scintilla,
rimbomba nel buio…
dopo il sole scende
dietro la montagna
di mia vita
passante.

**RIGU BOVINGDON**

**GĦAŻIŻA OMMI**

Illum ħadt l-aħbar kiefra li ħallejtna
u rqadt ir-raqda twila tal-mistrieħ.
L-anġli ġew u fis-sema ħaduk magħhom
biex f'ħoġor il-Mulej tithenna bih.

It-telfa tiegħek hija wisq krudila
għax issa magħna aktar ma narawkx,
iżda l-memorji jibqgħu f'qalbna mnaqqxa
U żgur li f'talbna ma nabbandunawkx.

Dan l-aħħar il-Mulej kien sema' talbek
u grazzja kbira għoġbu jtina 't-tnejn
għaliex flimkien Huwa reġa' laqqagħna
u bisna lil xulxin fuq il-ħaddejn.

F'dirgħajn xulxin kellna nerġgħu nintelqu
wara snin twal li konna mifrudin
b'tiranija ta' bogħod u ibħra kiefra,
sa rġajna ntennu l-għożża għal xulxin.

Żammejtlek idek f'idi bħalma dari
kont iżżommhieli int meta kont żgħir
teħodni għall-mużew jew għall-iskola,
jew fuq il-bejt kont nitla' nara t-tajr.

It-tagħlim mal-imħabba l'inti tajtna
jibqa' ġo qalbna u f'moħħna inżommuh...
Biex ma nobogħdu 'l ħadd dejjem wissejtna...
Parir mill-isbaħ, li tant għandna ngħożżuh.

Fit-talb int dejjem kont issib refuġju
u lill-Madonna dejjem int ħabbejt.
Fil-leġjun tagħha kont imdaħħla sewwa...
Minn dar għal oħra lilha int ġarrejt.

Kont tħobb u tgħożż lil Santa Katarina
li grazzji kont titlobha biex taqlagħlek.
Ta' San Ġorġ Preca wkoll int kont devota...
U dejjem ħajjart lilna nkunu bħalek.

U issa hemmhekk int qiegħda tgawdi magħhom
il-premju tal-Mulej li lesta għalik,
dal-Premju tant mistħoqq u li jixraqlek
għax Hu fil-ġenna kien qed jistenniek.

Int u missierna issa erġajtu ltqajtu
biex tal-familja ċ-ċirku jkun milħuq...
Nitlobkom biex iżżommu jdejkom fuqna
u lill-familja tbierku minn hemm fuq.

B'hekk mant il-wens inħossu mdawwar magħna
u lkoll flimkien iżommna magħqudin,
imħarsa minn kull deni u minn kull ħsara
li jistgħu jifirduna minn xulxin.

**NAZZARENU ZERAFA**
**Brisbane**

**IDFNUNI F'WIED IL-MISTRA...**
**(Nhar il-Vitorja, 1993)**

Idfnuni f'Wied il-Mistra fi tmiem żmieni
w aħbuni f'raba' saqwi kollu frott,
ħalli fil-ħemda sierda nistrieħ hieni,
idfnuni...
W insew li qatt imxejt it-trejqa dejqa
bejn l-għolliq u l-ħarruba taħt is-sies
lil hemm mir-raba' tafli kollu xewk,
insew...
U meta l-bini jasal f'Wied il-Mistra
biex jeqred bidwi ġwejjed u miblugħ
w 'il kliemu w ta' ġrajjietu l-ferħ u d-dmugħ,
u jwitti t-trejqa dejqa u imdella
bejn l-għolliq u l-ħarruba taħt is-sies
u t-tarmak jasal sewwa sew fuq qabri,
tgħidulix...
Ħalluni mejjet u mistrieħ fil-Mistra
fil-qabar taħt it-tarmak b'vilel sbieħ,
ħalluni...
Niżżluni fil-fond aktar, 'l isfel aktar
u aktar 'l isfel f'qiegħ is-saqwi niedi
'il bogħod 'il bogħod fil-blat u l-ħrib tas-snin
ġol-umdità qalb ħanżir l-art mikdud
biex nibqa' nisma' l-qasab twil u xiħ
jiċċaqċaq u jixxejjer mal-irjieħ.
U nibqa' nxomm ir-riħa tal-imdemmel,
tal-bħajra u tat-tuffieħ u l-ilma għaddej.
U nibqa' nara l-ħmar idur fis-sienja
ċirku giddieb li ma kien qatt etern.
U lill-qattusa mgħaffġa minn karozza
fuq it-tarmak ta' fuq qabri tgħidulhiex
x'hemm midfun taħtha f'qiegħ il-blat u ż-żmien.
Idfnuni f'qiegħ il-Mistra fi tmiem żmieni
w aħbuni f'qabar, għada, taħt it-tarmak.
Aħbuni f'dell in-nannu u l-moħriet,
il-bħur ibejjet, il-ful u it-tewmiet.
Ħalluha bieżla l-bhima sax-xemx nieżla,
ħalluh lin-nannu jbandal il-ħatufa
ħalluh lil driegħ is-sikka jradda' l-art
u fuq ir-riħ tal-Wied lil hemm mix-Xifer
ħalluha x-xemx tinbixni mill-ħarrub
tongħos imħeddla b'leħen il-werżieq.

Tmissuhx il-mewġ jitbewwes maċ-ċagħkiet
b'żegħil immelles b'nar fid-dawl ta' qamar
fuq żewġt iqlub jinqalbu fi Rdum il-Bies.
U lid-demel tal-bhejjem tal-Qantara
u tal-Imbid, ħalluh mal-ward jitqabad
fil-bogħod taż-żmien fil-qiegħ tal-Wied tal-Mistra.
Ħalluh lid-dell tat-tfajjel b'nokkli suwed
jiġġerra mal-irdum u mal-widien;
la tgħidulhomx li jien midfun hawn taħt;
la tfakkruhomx li jien midfun taħt vilel
sbieħ u tarmak li jinten ġewwa l-Mistra
la tgħidulhiex lin-naħla mgħaxxa tfittex
għalxejn lis-sagħtar fuq it-tarmak ċatt,
li jien midfun hawn taħt ġo qiegħ il-Mistra...

Aħarqu bennet l-għeneb it-tifkira
imrikkeb fuq il-qasab f'Wied il-Mistra
u t-tin misjur fuq is-sejjieħ maqsum
għal għajn ix-xemx mit-tfajjel kollu nokkli,
aħarqu...
Aħarquh fuq it-tarmak ta' fuq qabri
u l-vilel f'Wied il-Mistra fi tmiem żmieni.
Aħarqu għada, tiddejqux, aħarqu
d-dmugħ li bkejt u l-bżieq fix-xejn li ħlejt.
Lill-Bur u s-Sarġ u r-riħ ħafif mill-Griebeġ
u lill-Bajjad li kien, u t-Taqtigħat
lix-xagħra ta' Stoppin u lill-Isqaq
la tgħidulhomx min hemm midfun hemm taħt;
ħalluhom jinksew bini u triqat...
Ħalluhom jiksu qabri b'tarmak iswed
ħalluhom, l'hekk iridu il-bnedmin...

**PAUL P. BORG**
**(minn *Eternità*, Horizons, 2015)**

**JEKK INT...**

Jekk inti qatt ma rqadt fuq il-blat,
ma tafx kemm hu artab is-saqqu.
Jekk qatt ma mxejt ħafi fl-imħarbat,
ma tafx kemm hu komdu ż-żarbun.
Jekk int qatt ma xrobt inbid qares,
ma tafx l-inbid bnin kif ikun.
Jekk qatt ma' ħaddejk
ma ġelbinx dmugħ l-imrar,
kif tista' tapprezza, tkun taf,
il-prezz li tkun ferħan?

**CHARLES MIFSUD**

**QUEUE**

With heavenly identity, well-will
is terminated to a tall-tail.
A long queue will-till open your mind's lock;
here is laugh-love is stored to the back!

Ah! Another adoption is the sweet scent
where notion is as like as crave-curve is spent,
And, owaw, the pitter-patter feelings are repeated,
And chord-cord sequence is there entangled!!

**MANORANJAN DAS**
*L-Indja*

**IN FAR-AWAY TOMBS**

Now I wish to be quiet,
without lights on the walls,
without parks or gardens.

Now I demand my empty
solitude
as an infinite rain
to wash away the sins
of the world,
because this weariness
I feel
comes from an impossible love,
from a story that was not told,
a filament of life,
with giant pieces
sprouting from the past,
as a constellation burning
with scars, in far way tombs.

**TERESINKA PEREIRA**
*L-Istati Uniti*

**LOVE AND CONCERN**

What a delight and what a bliss of wonder
romantic feelings twinkle like ever-new stars;
musings adorn heart like the aromatic flowers
memories, like a flock of pigeons often hover.

Scared am I when shadows stretch out of sight,
afraid am I when darkness encloses the daylight,
entwining love and affection into a strong bond
it is the love that kindled the kiln of my mind;

Love is something; causes something pleasant
yet, like a dew drop on the leaf of a lotus plant
it leaves indelible footprints of tears in heart
yet, its cause provides relief to bruised hearts.

Our wealth, kith and kin may desert and vanish
the stardust of love in lover's eyes won't perish;
showering love and concern on the paths of future
that very cause shields us, with thoughts mature.

**ASHOK CHAKRAVARTHY THOLANA**
*L-Indja*

**IL MONDO ANALIZZATO**

Desideri esplosi nel cielo
mimano le stelle.

Regni abissali di morte,
fiorita nel respiro di Dio.

Leggende di anime affogate nel buio
sotto la volta di sentimenti castrati.

Malinconia: il pensiero animato di sole
rattrappito
nel sonno di una dolce tristezza.

E la morte vive all'inchinarsi del tempo
all'imbrunire della voce
in questa via del pensiero
ghiaiosa d'amore.

E gli uomini
(sogno di Dio, ossessione della morte)
spengono una scintilla
umida di storia;
ascoltano un nome
raggiato di follia.

**PIETRO PANCAMO**
*L-Italja*

**HAIKU**

È la paroli
più dolce alla memoria
il nome tuo.

**GIUSEPPE NAPOLITANO**
**(*Tutte le paroli*, Volturnia Edizioni, 2018)**
*L-Italia*




**_IL-ĠRAJJA WARA L-KELMA - INFITTXU L-IMGĦODDI U L-PREŻENT_, Horizons 2018.**

Kull kelma għandha l-ġrajja tagħha, ġrajja li taf tikxef xejriet ta' moħħ bikri jew ta' żmienna. Fid-dinja tal-kelma hemm ġid kbir. Fil-ġrajja wara l-kelma (ĠWK) insibu l-imgħoddi Malti ta' missirijietna (aktar milli l-imgħoddi barrani f'art missirijietna). U nsibu l-preżent ukoll. Għalhekk il-kunċett tal-ĠWK jħaddan xi aspetti tal-istorja kulturali ta' niesna. Xi siltiet fil-Malti istituzzjonalizzat jipprovokaw kurżità u stagħġib fl-istess ħin. X'tgħidilna din l-għamla ta' lingwa fuq il-mentalità ta' niesna l-antiki? X'tikxfilna fuq il-moħħ tal-antenati tagħna? Aħna u ngħarrxu f'din il-mentalità (permezz tal-ĠWK) naraw fl-istess waqt kif il-bniedem ibiddel dak li ħaddieħor ħaseb, ħass, emmen, u għamel. Jingħataw spjegazzjonijiet plawsibbli għas-sura tal-ħsieb Malti ta' missirijietna. L-għarfien lingwistiku joffri ġrajjiet impressivi ta' filosofija komuni li lill-antenati tagħna għamlithom umani. Il-ħidma investigattiva ta' dan il-ktieb tipprova tixħet dawl fuq il-ħsieb u t-tiġrib tal-antenati tagħna li għal sekli sħaħ kienu abbandunati soċjalment, politikament, u edukattivament. Minkejja dan l-abbandun storiku, il-Maltin komuni tal-klassijiet il-baxxi ppriservaw il-mentalità u l-viżjoni tagħhom tal-ħajja fi lsienhom, ilsien dejjem mitkellem qatt miktub, u injorat mill-klassijiet l-għolja u mill-amministrazzjoni. U l-lingwa kif qed tiżviluppa llum ukoll turi l-ħsieb Malti.




**_METANOIA - ANTI-RUMANZ_ ta' Anton Sammut, 2018.**

Dan huwa t-tielet rumanz ta' Anton Sammut wara *Alte Vestiga* (2008) u *Paceville u Lil Hinn Minnu* (2017). Imma Sammut huwa wkoll awtur u pubblikatur ta' numru ta' kotba marbutin mal-qasam tal-Filosofija u tal-Ispiritwalità, fosthom *Il-Filosofija tal-Ispiritwalità Kożmika* (2013) u *Il-Filosofija tal-Moħħ* (2015). *Metanoia* huwa rumanzett ta' ftit iktar minn mitt paġna, maqsum fi tmintax-il parti. Il-kelma "metanoia" tfisser bidla radikali fil-mod kif wieħed jaħseb, jiġġudika u jħoss, speċjalment wara li wieħed jesperjenza twemmin

ġdid. Minkejja l-qosor tiegħu, dan mhux rumanz għal kulħadd: bħal dejjem, l-istil ta' Sammut huwa wieħed erudit, mimli referenzi ta' natura filosofika, letterarja, psikoloġika, u l-bqija. Hu u jaqra *Metanoia* l-qarrej jinduna li Sammut jixrob ukoll mill-għejun tal-kultura tal-Orjent. Dan hu rumanz li jeħtieġ jinqara darba, darbtejn jew iktar, proprju minħabba l-profondità ta' kull paragrafu. Hu xogħol li joħodna fuq vjaġġ kemm fl-ispazju kif ukoll fl-ispirtu u jistedinna nieqfu u nirriflettu dwar dak kollu li hemm madwarna, dwar minn fejn ġejjin u fejn sejrin, l-essenza li aħna magħmulin minnha. U dan proprju f'dinja materjalista, mgħaġġla, egoista, u mikluba għas-suċċess ta' malajr.




***MY LATEST POEMS* ta' Carmel Mallia, 2018.**

Illum Carmel Mallia huwa bniedem li qorob id-disgħin sena u għadu produttiv sal-ġurnata preżenti. Huwa poliglotta u bniedem ta' kultura wiesgħa. Din il-ġabra ta' versi ġdida tiġbor fiha mal-mitt poeżija miktubin b'ħames ilsna: Malti, Ingliż, Esperanto, Franċiż u Taljan, kollha lingwi li Mallia jaf sewwa. Bħala bniedem li twieled fl-ewwel nofs tas-seklu 20, għex it-tieni nofs u qed iġarrab ukoll il-bidu tat-tielet millennju, Mallia jagħtina poeżiji miktubin bi stili varjati: għalhekk iħaddem il-prosodija u l-metrika tradizzjonali, imma anki stili iktar reċenti bħall-vers ħieles, il-poeproża u l-ħajku. Lili interessawni l-poeżiji ddedikati lil personalitajiet partikolari bħal Daphne Caruana Galizia, Amerigo Iannacone (poeta kontemporanju Taljan li miet traġikament daqs sentejn ilu), Paul Valéry (poeta Franċiż), u personaġġi storiċi bħal La Vallette, u Manwel Dimech. Il-versi ta' Mallia huma riflessjonijiet ta' tulijiet differenti dwar esperjenzi umani ta' kuljum (ħsibijiet hu u jixrob kapuċċino, jew jixrob kafè flimkien ma' pastizz f'każin fil-Belt waqt diskursata mal-ħbieb), imma anki dwar l-Olokawst, il-ħtieġa għall-paċi u l-bżonn tal-karità; hemm ukoll versi ispirati minn imkejjen partikolari (Strada Stretta, il-Knisja ta' San Pawl, it-Tieqa tad-Dwejra f'Għawdex, Ħal Qormi, Ħaż-Żabbar). Dan u ħafna iktar f'*My Latest Poems*, bid-differenza u l-vantaġġ li l-qarrej jista' jgawdi wkoll ħames ilsna differenti.



### *PAĠNA MMARKATA*, ta' Paul Grech

L-inizzjattiva ta' Paul Grech *Paġna Mmarkata* waslet fit-tieni ħarġa tagħha. Din tieħu l-għamla ta' *bookmark* qies A4 mitwi f'erba' partijiet (jew tmienja), b'kitbiet fuq wara u quddiem minn kittieba differenti. Din id-darba wieħed jista' jaqra kitba qasira minn Paul Grech stess bl-isem ta' *Il-Mixja*, flimkien ma' kitbiet u poeżiji oħra mill-pinna ta' Josianne Block, Kevin Saliba, Jesmond Sharples, Rita Saliba, Sergio Grech, Miriam Calleja u Elena Cardona. Inizzjattiva bħal din hija ġenjali fiċ-ċokon tagħha: fi spazju ta' *bookmark* wieħed jista' jgawdi l-kitbiet ta' numru mdaqqas ta' kittieba varji, u dan fi ftit ħin, illum meta l-ħin huwa prezzjuż. L-idea hi li wieħed idaħħal rokna qasira ta' letteratura u riflessjoni fl-ispazju wiesa' u limitat ta' erbgħa u għoxrin siegħa li kull bniedem għandu għad-disponibbiltà tiegħu kuljum. *Paġna Mmarkata* hi sponsorjata minn Merlin Publishers.




### *PRANZU STATALI - META VALLETTA EIGHTEEN QAJMET IL-MEJTIN* ta' Joseph W. Psaila, 2018

L-epika hija xogħol li jirrakkonta l-istorja ta' poplu jew ta' eroj partikolari. Joseph W. Psaila jiftaħ id-Daħla għall-ktieb tiegħu kemm b'referenza ta' Jacques Le Goff, kittieb u storiku Franżiż li speċjalizza fl-Istorja Medjevali u li għex bejn l-1924 u l-2014 - "La storia è la resurrezione dei morti" (maqluba għat-Taljan minn David Scaffei) -, kif ukoll bi kliemu stess: "Dawn huma paġni ta' storja, iżda mhux għalkollox. Dawn huma paġni tal-poeżija, iżda mhux sa barra. Dawn huma paġni b'xi riċetti tat-tisjir, iżda biss f'niskati." Dan biex mill-bidu nett ta' dax-xogħol jurina kemm hu importanti l-għarfien tal-Istorja ta' pajjiżna, imma anki dik tal-Ewropa u dik Dinjija għalina llum. Hawn Psaila jagħtina taħlita ta' storja tal-imghoddi u dik kontemporanja, b'ritmu mexxej, u bl-idea tajba li nibdew nitbissmu wkoll xi naqra bil-politika u bil-politikanti (ftit huma l-politiċi veri), kif suppost. Din ta' Psaila tista' tiġi deskritta bħala epika moderna b'laqta parodika biex b'hekk toħloq tbissima filwaqt li tniggeż lil min għad għandu kuxjenza li tniggżu u ġġagħlu jirrifletti iktar dwar l-aġir tiegħu. Sa mill-bidu Psaila jorbot flimkien Storja, politika u gastronomija, anki għax ilaqqa' f'dan ix-xogħol personalitajiet importanti - ispirat mill-okkażjoni tal-Valletta '18 - kemm Maltin kif ukoll barranin, tal-preżent u tal-imgħoddi (anki mid-dinja klassika tal-Griegi u tar-Rumani) daqslikieku kienu miġburin madwar mejda tal-pranzu statali. F'dan ix-xogħol ivversifikat li jinqasam fi 22 parti u jtul mal-200 paġna, hemm żewġ stejjer jew livelli: dak tal-Istorja uffiċjali, u l-istorja jew ħsieb tal-awtur stess. Il-ktieb hu mogħni wkoll b'noti fit-tarf tal-paġna li jgħinu lill-qarrej jifhem l-isfond storiku u min huma ċerti personalitajiet storiċi msemmija, u b'bibliografija mdaqqsa.